# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

Illum, il-Ġimgħa, 2 ta' Ġunju 2023

**Rikors Ġuramentat numru: 58/2017 BS**

**Antonia Grech**

**–vs–**

**Joseph Debrincat; George Debrincat; Lucy Saliba; Emanuel Debrincat; Carmel Debrincat; Saviour Debrincat; Frances Bugeja; u b'digriet tal-14 ta' Awwissu 2017 l-Avukat Dottor Jean Paul Grech ġie nominat bħala kuratur deputat sabiex jidher għall-imsiefra Doris Curmi**

**Il-Qorti;**

**A. PRELIMINARI:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi Anonia Grech[1] illi ppremettiet:**

1. ILLI George Debrincat, bin il-mejtin Salvatore Debrincat u Dolores nee' Grech, imwieled [Ta'] Kerċem, Għawdex u residenti [Ta'] Kerċem, Għawdex, bil-karta tal-identità numru 68826G miet f'[Ta'] Kerċem, Għawdex fit-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgħatax (2014) [sic] (kopja taċ-ċertifikat tal-mewt annessa bħala Dok. A);

2. ILLI mir-riċerki testamentarji pubbliċi u sigrieti tiegħu (Dok. B u Dok. C) jirriżulta li l-imsemmi George Debrincat irregola s-suċċessjoni tiegħu permezz ta' erbgħa [sic] testmenti: wieħed tat-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija tlieta u disgħin (1993) atti tan-Nutar Dr. Michael Refalo (Dok. D), ieħor tal-ħmistax (15) ta' Lulju elf disgħa [sic] mija erbgħa u disgħin (1994) atti tan-Nutar Dr. Michael Refalo (Dok. E), ieħor tat-tlettax (13) ta' Jannar elfejn u ħdax (2011) atti tan-Nutar Dr. Michael Refalo (Dok. F), u ieħor tal-ħdax (11) ta' April elfejn u tlettax (2013) atti tan-Nutar Dr. Enzo Refalo (Dok. G);

3. ILLI bis-saħħa tal-Artikolu Ħdax tat-testment tat-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija tlieta u disgħin (1993) atti tan-Nutar Dr. Michael Refalo huwa ħalla b'legat favur l-esponenti l-fond fi Triq Madre Margherita Debrincat, [Ta'] Kerċem, Għawdex, konfinanti min-nofsinhar ma' beni ta' George Grech, lvant beni ta' Giuseppa Caruana u tramuntana mill-fond legat lil Frances Buhagiar;[2] u l-garage bla numru

[1] Rik. Ġur. a fol. 1 sa 5 b'dokumenti a fol. 6 sa 33.

[2] Bl-affidavit tagħha a fol. 129 *et seq*, il-konvenuta Frances Bugeja tindika l-kelma/kunjom «Buhagiar» miktub f'dan l-affidavit bħala żball tal-pinna stante li hija kunjomha Bugeja u hawn it-testaturi ġenituri tagħha kienu qed jirreferu għaliha. Din il-Qorti ma tarax kif dan jista' jkun mod ieħor meta l-ġenituri tal-kontendenti kjarament kienu qed jappuntaw lil uliedhom bħala legatarji tagħhom.

u konfinanti mill-punent mat-triq, lvant mal-garage legat lil Frances Buhagiar;[3] u l-biċċa raba' tal-kejl ta' ċirka tliet mija u erbgħa u sebgħin metri kwadri (374m.k.) imsejħa «Ta' Felic» limiti [Ta'] Kerċem, Għawdex konfinanti mill-punent beni ta' Giuseppa Caruana, tramuntana beni ta' Gregory Grech kif ukoll mil-lvant;

4. ILLI permezz tat-testment tiegħu tat-tlettax (13) ta' Jannar elfejn u ħdax (2011) atti Nutar Dr. Michael Refalo, id-decuius indika preċiżament bi pjanta l-estensjoni tal-proprjetà li kienet ġiet legata lill-esponenti bis-saħħa tat-testment tat-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija tlieta u disgħin (1993) atti tan-Nutar Dr. Michael Refalo (kopja tal-pjanta annessa bħala Dok. H);

5. ILLI r-rikorrenti tixtieq li ssir l-immissjoni fil-pussess fil-konfront tagħha tal-immobbli mħollijin lilha mill-istess decuius George Debrincat;

6. ILLI minkejja li l-intimati ġew kemm-il darba interpellati biex dan kollu jsir bonarjament, huma baqgħu inadempjenti.

**Talbet għalhekk lil din il-Qorti:**

i. Tiddikjara illi s-suċċessjoni ta' George Debrincat bin il-mejtin Salvatore Debrincat u Dolores nee' Grech, imwieled [Ta'] Kerċem, Għawdex u residenti [Ta'] Kerċem, Għawdex, bil-karta tal-identità numru

---

[3] Bl-affidavit tagħha a fol. 129 *et seq*, il-konvenuta Frances Bugeja tindika l-kelma/kunjom «Buhagiar» miktub f'dan l-affidavit bħala żball tal-pinna stante li hija kunjomha Bugeja u hawn it-testaturi ġenituri tagħha kienu qed jirreferu għaliha. Din il-Qorti ma tarax kif dan jista' jkun mod ieħor meta l-ġenituri tal-kontendenti kjarament kienu qed jappuntaw lil uliedhom bħala legatarji tagħhom.

68826G miet f'[Ta'] Kerċem, Għawdex fit-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgħatax [sic] (2014) ġiet aperta favur il-kontendenti jew min minnhom fil-kwoti illi jistgħu talvolta jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawża;

ii. Tordna lill-intimati qua ko-eredi tal-imsemmi George Debrincat biex jimmettu lir-rikorrenti fil-pussess tal-legat imħolli lilha konsistenti fil-beni kollha [i]mmobbli li ħallielha l-istess George Debrincat b'titolu ta' legat bit-testment tat-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija tlieta u disgħin (1993) atti tan-Nutar Dr. Michael Refalo u kif kjarifikat bit-testment l-ieħor tat-tlettax (13) ta' Jannar elfejn u ħdax (2011) atti Nutar Dr. Michael Refalo;

iii. Taħtar Nutar Pubbliku u tiffissa l-jum, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-att relattiv għall-immissjoni fil-pussess tal-legat imħolli lir- rikorrenti; bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jidhru għall-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti [i]nkluż tal-ittri uffiċjali numri 428/2014 (Dok. 1) u 281/2017 (Dok. J) u bl-inġunzjoni tagħhom għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Dottor Jean Paul Grech fil-kwalità tiegħu ta' kuratur tal-imsiefra Doris Curmi[4] illi eċċepixxa:**

1. ILLI l-esponenti mhux edott mill-fatti li taw lok għal dan ir-rikors ġuramentat u għaldaqstant mhux fil-posizzjoni [sic] li jissolleva l-eċċezzjonijiet kollha applikabbli skont il-liġi. In oltre l-esponenti

[4] Risposta ġuramentata a fol. 49 sa 51.

m'għandux indirizz, numru tat-telefon jew *email* li jistgħu jippermettulu li jagħmel kuntatt ma' Doris Curmi. Għalhekk l-esponenti nomine qiegħed jirriżerva li jippreżenta risposta ġuramentata ulterjuri jekk u meta huwa jkun fil-pussess tal-informazzjoni kollha mertu tal-każ. Però għal kull buon fini huwa qiegħed minn issa jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti;

2. Salvi u impreġudikati eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

B'riferenza għall-paragrafi tar-rikors ġuramentat—salv dak li jirriżulta sostnut mid-dokumenti preżentati—l-esponenti nomine mhux fil-posizzjoni [sic] li jikkummenta fuq il-veracità o meno tagħhom.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Frances Bugeja[5] illi eċċepiet:**

1. ILLI l-esponenti qatt u fl-ebda mument ma oġġezzjonat għall-apertura tas-suċċessjoni ta' George Debrincat kif qiegħed jintalab permezz tat-tieni talba u għalhekk din saret inutilment u l-esponenti ma għandha tbati l-ebda spejjeż ta' din il-proċedura;

2. ILLI di più l-esponenti qatt ma oġġezzjonat jew b'xi mod xekklet li ssir l-immissjoni fil-pussess tal-legat/legali mħolliha [sic] permezz tat-testament/i magħmula mill-ġenituri tal-kontendenti. Kien biss peress illi l-attriċi q[i]egħda tippretendi li tiġi immessa fil-pussess ta' legat li jmur oltre dak li ġie ddikjarat fit-testament tal-ġenituri tagħha u dan kif sejjer jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Infatti l-pożizzjoni ta' l-esponenti [sic] dejjem baqgħet konsistenti u dan kif

[5] Risposta ġuramentata a fol. 54 sa 56 b'dokumenti a fol. 57 sa 62.

jidher mill-Ittri Uffiċċjali [sic] Numri 442/2014 u 291/2017 hawn annessi u mmarkati bħala Dok. A u Dok. B;

3. ILLI di più l-attriċi q[i]egħda tippretendi li tiġi mmessa fil-pussess ta' legat li in parti ġie mħolli lill-esponenti u dan allegatament a bażi ta' pjanta li l-istess testatur qatt ma seta' jara minħabba problemi f'saħħtu kif sejjer jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u li fl-aħħar mill-aħħar ma tbiddlet xejn mill-konsistenza tad-dispożizzjonijiet testamentarji li kienu già [sic] saru mill-ġenituri tal-kontendenti fit-testament tas-sena elf, disa' mija u tlieta u disgħin (1993);

4. SALV eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Emanuel Debrincat, Lucy Saliba, George Debrincat, Joseph Debrincat u Carmel Debrincat[6] illi eċċepew:**

1. ILLI l-eċċipjenti ma jopponux u qatt ma opponew għall-imissjoni fil-pussess mitluba purché r-rieda tal-ġenituri tagħhom hekk kif espressa fit-testmenti tagħhom tiġi rispettata u mwettqa; u purché kull parti timmetti lill-parti l-o+ra fil-pussess ta' dak il-legat/prelegat illi jmiss lil parti jew o+ra rispettivament u dejjem abbażi tal-istess testmenti;

2. ILLI fil-verità l-immisjonijiet relattivi ma ġewx konklużi minħabba nuqqas ta' ftehim illi kien hemm bejn l-attriċi Antonia Grech u l-konvenuta Frances Bugeja, u għall-ebda raġuni oħra. L-eċċipjenti mhux talli ma kkontribwew bl-ebda mod u bl-ebda manjiera għal dan, iżda talli għamlu li setgħu sabiex fejn possibbli jiġi

[6] Risposta ġuramentata a fol. 81 u 82.

faċilitat fethim bejn l-imsemmija ħuthom; ftehim illi evidentement ma ntlaħaqx bejniethom in vista tal-preżenti kawża. Da parti tagħhom l-eċċipjenti kienu u jibqgħu disposti illi jiffirmaw l-att jew atti opportuni, redatt/i abbażi tat-testmenti tal-ġenituri tagħhom, hekk kif l-imsemmija huthom jirrisolvu l-pendenzi ta' bejniethom, għal-liema pendenzi l-eċċipjenti huma kif diġà ngħad għal kollox [sic] estranei;

3. ILLI per konsegwenza ta' dan kollu, l-eċċipjenti jikkontendu illi huma ma għandhom ibatu l-ebda spejjeż in konnessjoni ta' din il-proċedura;

4. SALVI eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi.

**Rat ir-risposta ġuramentata ulterjuri tal-Avukat Dottor Jean Paul Grech fil-kwalità tiegħu ta' kuratur tal-imsiefra Doris Curmi[7] illi eċċepixxa:**

1. ILLI din ir-risposta ġuramentata ulterjuri q[i]egħda tiġi preżentata wara li l-esponenti għamel kuntatt ma' Doris Curmi;

2. ILLI Doris Curmi m'għandhiex oġġezzjoni sabiex Antonia Grech tiġi immessa fil-pussess tal-legati imħollija lilha minn George Debrincat;

3. ILLI l-istess Doris Curmi m'għandhiex tbati spejjeż ta' din il-kawża stante li qabel ma siefret hija għamlet l-arranġamenti kollha neċessarji u anke ħalliet prokura biex il-kuntratt relattiv jkun jista' jiġi pubblikat;

4. SALVI u [i]mpreġudikati eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

[7] Risposta ġuramentata a fol. 83 sa 85.

**Fliet l-atti;**

**Rat** iċ-ċertifikat tal-mewt numru 32/2014 ta' Giorgio sive George Debrincat, detentur tal-karta tal-identità numru 0068826G armel ta' Assunta Debrincat nee' Sultana, iben il-mejtin Salvatore Debrincat u Dolores nee' Grech, imwieled Ta' Kerċem, Għawdex u miet Ta' Kerċem, Għawdex fit-12 ta' Jannar, 2014;[8]

**Rat** ir-riċerka testamentarja dwar Giorgio Debrincat;[9]

**Rat** it-testmenti magħmula minn Giorgio Debrincat kif riżultanti mir-riċerka testamentarja;[10]

**Rat** il-kuntratt ta' diviżjoni tat-13 ta' Marzu, 1987 in atti Nutar Michael Refalo bil-pjanta annessa miegħu;[11]

**Rat** in-nota tal-Avukat Dr Jean Paul Grech fil-kwalità tiegħu ta' kuratur tal-konvenuta msiefra Doris Curmi b'anness magħha diversi imejls mibgħuta lilu mill-istess konvenuta Doris Curmi;[12]

**Rat** li fl-udjenza tat-18 ta' April, 2018 l-attriċi ddikjarat l-istadju tal-provi tagħha magħluq;[13]

**Rat** li fl-udjenza tal-5 ta' Frar, 2019 il-konvenuta Doris Curmi ddikjarat li ma kellhiex provi xi tressaq;[14]

**Rat** in-nota tal-konvenuta Frances Bugeja tas-26 ta' Frar, 2019 b'diversi dokumenti relattivi għal visti mediċi u mediċini preskritti lil George Debrincat, missier il-kontendenti, bejn l-2003 u l-2006 annessi magħha;[15]

**Rat** li fl-udjenza tas-17 ta' Ġunju, 2021 l-avukat difensur tal-konvenuta Frances Bugeja talab li jinżamm aċċess fuq il-post;[16]

**Rat** li fl-udjenza tat-12 ta' April, 2022 ix-xhud Michael Godfrey Curmi, in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Artijiet, ippreżenta diversi dokumenti[17] fosthom:

i. Applikazzjoni datata l-1 ta' Awwissu, 2016 għall-ewwel reġistrazzjoni tal-fond legat lil Antonia Grech;[18]

ii. Applikazzjoni datata l-1 ta' Settembru, 2016 għall-ewwel reġistrazzjoni tal-fond legat lil Frances Bugeja;[19]

iii. Ittra tar-Registratur datata l-20 ta' Ottubru, 2016 tinforma lin-Nutar Enzo Refalo li wara li r-Reġistratur irċieva applikazzjoni għall-ewwel reġistrazzjoni tal-fond legat lil Frances Bugeja, ġiet innutata *overlap* bejn il-proprjetà li tagħha ntalbet ir-reġistrazzjoni u proprjetà diġà rreġistrata;[20]

iv. Kawzjoni magħmula minn Frances Bugeja u rċevuta mir-Reġistratur nhar il-11 ta' Awwissu, 2021;[21]

v. Ittra tar-Reġistratur datata t-28 ta' Settembru, 2021 tinforma lil Antonia Grech li saret kawzjoni għar-

[8] Kopja taċ-ċertifikat tal-mewt a fol. 6.
[9] Riċerka testamentarja a fol. 7 sa 12
[10] Testment tat-12 ta' Ottubru, 1993 in atti Nutar Michael Refalo a fol. 13 sa 23. Testment tal-15 ta' Lulju, 1994 in atti Nutar Michael Refalo a fol. 28 sa 29. Testment tat-13 ta' Jannar, 2011 in atti Nutar Michael Refalo a fol. 30 sa 31. Testment tal-11 ta' April, 2013 in atti Nutar Enzo Refalo a fol. 32 sa 33.
[11] Kuntratt ta' diviżjoni a fol. 70 sa 74.
[12] Nota a fol. 86, ittra a fol. 87, imejls a fol. 89 sa 92.
[13] Verbal a fol. 127.
[14] Verbal a fol. 288.
[15] Nota a fol. 294 b'dokumenti a fol. 295 sa 300.
[16] Verbal a fol. 360.
[17] Dokumenti varji a fol. 375 sa 425.
[18] Applikazzjoni a fol. 388.
[19] Applikazzjoni a fol. 377.
[20] Ittra a fol. 375.
[21] Kawzjoni a fol. 418 sa 422.

reġistrazzjoni tal-proprjetà tagħha minn Frances Bugeja;[22]

vi. Kopja tad-denunzja *causa mortis* magħmula fl-10 ta' Lulju, 2014 minn Frances Bugeja rigward il-wirt ta' missierha George Debrincat.[23]

**Rat** li fl-udjenza tal-24 ta' Novembru, 2022 il-partijiet iddikjaraw il-provi eżawriti bil-kawża tħalliet għan-noti u għal-lum għas-sentenza filwaqt li ġie skedat aċċess;[24]

**Rat** il-verbal tal-access;[25]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti esibiti u verbali;

**Semgħet it-trattazzjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;**

## B. Provi:

**Semgħet ix-xhieda bil-gurament u rat dik maghmulha bil-procedura tal-affidavit, ta':**

**Antonia Grech**, l-attriċi, xehdet permezz ta' affidavit.[26] Tiddikjara li missierha miet fit-12 ta' Jannar, 2014 u mir-riċerki testamentarji fuqu rriżulta li ħalla erba' (4) testmenti.

Iżżid li bl-Artikolu 11 fit-testment tat-12 ta' Ottubru, 1993 in atti Nutar Michael Refalo huwa ħallielha b'legat diversi proprjetajiet inkluż il-fond fi Triq Madre Margherita

22 Ittra a fol. 387.
23 Denunzja a fol. 378 sa 380.
24 Verbal mhux paġinat.
25 Aċċess miżmum fis-26 ta' Jannar, 2023—verbal mhux paġinat.
26 Affidavit a fol. 67 sa 69 b'dokumenti annessi a fol. 70 sa 74.

Debrincat, Ta' Kerċem, Għawdex, konfinanti min-Nofsinhar ma' beni ta' George Grech, Lvant ma' beni ta' Giuseppa Caruana, u Tramuntana ma' fond legat lil oħtha Frances. Ħallielha wkoll il-garaxx bla numru konfinanti mill-Punent mat-triq u mil-Lvant mal-garaxx legat lil Frances Bugeja.

Tgħid li b'testment tat-13 ta' Jannar, 2011 missierha indika preċiżament l-estensjoni tal-fond legat lilha u dan permezz ta' pjanta.

Tiddikjara li dan il-fond kien wirt ta' missierha waħdu. Iżżid li fil-fatt dan il-fond, flimkien ma' dak imħolli lil oħtha Frances, kienu nbnew fuq sit fi Triq Madre Margherita Debrincat, ġa Triq San Girgor, Ta' Kerċem li kien ġie mill-wirt ta' Salvatore u Dolores Debrincat—nanniet tagħha, ġenituri ta' missierha. Iżżid li missierha u oħtu Giuseppa Caruana kienu għamlu kuntratt ta' diviżjoni fit-13 ta' Marzu, 1987, in atti Nutar Michael Refalo, fejn l-imsemmi sit kien ġie assenjat lil missierha. Tesibixxi kopja tal-kuntratt ta' diviżjoni.[27]

Tgħid li wara li miet missierha hi u ħutha marru għand in-Nutar Enzo Refalo fejn inqrawlhom it-testmenti ta' missierha u ngħataw kopja tagħhom iżda mhux tal-pjanti annessi magħhom.

Tgħid li qabel inqraw it-testmenti huma kienu diġà jafu x'ser imisshom għaliex oħtha Frances riedet post għal wara li tiżżewweġ. Tgħid li fil-fatt, tul ħajjet missierhom, kienet oħtha Frances biss li ngħatat ċavetta għall-post tal-

[27] Kuntratt ta' diviżjoni tat-13 ta' Marzu, 1987 in atti Nutar Michael Refalo a fol. 70 sa 74.

kantuniera fi Triq Madre Margherita Debrincat sabiex din setgħet tidħol fih u tirranġah qabel iżżewġet.

Tgħid li l-post fl-istess triq li kien ser imiss lilha kien qed jiġi utilizzat minn tad-Dottrina sabiex jagħtu l-lezzjonijiet fih. Iżżid li dan kien bil-permess tagħha. Tiddikjara li meta binha beda jmur il-mużew qalilha li l-post tagħha ma kellux bitħa. Tgħid li hawn intebħet li oħtha Frances kienet ikkapparrat il-kamra li mill-post tagħha tagħti għall-bitħa kif ukoll l-istess bitħa.

Tiddikjara li kien żewġha stess li bena ż-żewġ postijiet fi Triq Madre Margherita Debrincat u għalhekk huma kienu jafu tajjeb kif dawn kienu maqsumin. Iżżid li l-ħajt diviżorju bejn iż-żewg proprjetajiet dejjem kellu jkun bejn il-btieħi ta' kull post. Tgħid li kien evidenti li oħtha Frances neħħiet il-ħajt li kien inbena minn żewġha u hekk ikkapparrat kamra u l-bitħa tal-post tagħha.

Tiddikjara li kien hawn li kkonfrontat lil oħtha b'dan li missierha ma ħax gost u taħseb li għalhekk għamel il-kjarifika fit-testment tat-13 ta' Jannar, 2011. Iżżid li minkejja dan, wara li nqara t-testment tat-13 ta' Jannar, 2011, oħtha bdiet tgħid li l-kamra ta' ħdejn il-bitħa kif ukoll il-bitħa huma parti mill-fond legat lilha. Tgħid li kien hawnhekk li talbet kopja tal-pjanti mingħand in-nutar.

Iżżid li għalkemm il-pjanta hija ċarissima oħtha Frances tibqa' tinsisti mod ieħor.

Tgħid li hawnhekk hija bdiet tieħu passi kontra oħtha Frances filwaqt li ħutha l-oħra kienu qablu li jiffirmawlha l-immissjoni fil-pussess tant li kien anke sar appuntament għand in-nutar għal dan il-għan. Iżżid li dan il-kuntratt

però ma ġiex iffirmat għax ħutha l-oħrajn ma ridux jidħlu bejnha u bejn oħthom Frances.

**In kontinwazzjoni,**[28] tixhed li dwar dak li qalet oħtha Frances fir-risposta ġuramentata tagħha li missierha qatt ma seta' ra l-pjanta minħabba problemi li kellu bil-vista, hija tgħid li dakinhar missierha kien għadu jara.

Tiddeskrivi kif dakinhar li mietet ommha fis-6 ta' Awwissu, 2010 missierha fenda waħdu sakemm ċemplilha fit-tlieta u nofs ta' filgħodu (3:30am).

Tgħid li 'l quddiem ma baqax jara minn għajn waħda iżda mill-oħra baqa' jara sal-aħħar.

Tgħid li missierha miet fl-2014. Iżżid li qabel dan kien jitla' jorqod fuq fejn dam jorqod sa meta waqa' u ġagħluh jibda jorqod isfel. Iżżid li waqa' fl-2013. Tgħid li qabel dan ħadd ma kien jorqod miegħu. Iżżid li kien biss wara li waqa' li beda jorqod miegħu xi ħadd. Tgħid li anqas sena ma damu jorqdu miegħu qabel miet.

Tgħid li missierha kien għadu jmur il-bank. Iżżid li bejn l-2010 meta mietet ommha u l-2013 meta waqa' missierha, misiserha kien għadu jara tant li kien għadu jmur il-bank u jagħmel il-qadi tiegħu waħdu. Tgħid li xi ħadd kien iwasslu mill-bank 'l isfel u huwa kien jidħol il-bank waħdu.

Tgħid li kien biss fl-aħħar ftit xhur qabel miet li ma kienx għadu jara ħafna. Tiċċara li xorta anqas kien tilef id-dawl għalkollox.

**In kontroeżami,**[29] tixhed li l-bank kien iwasslu ħuha Emanuel.

---

[28] Traskrizzjoni a fol. 120 sa 124.
[29] Traskrizzjoni a fol. 124 sa 126.

Mistoqsija kif taf x'kien jagħmel waħdu tgħid li minn meta mietet ommha hija kienet tkun ma' missierha kuljum mit-tmienja ta' filghodu (8:00am) sal-ħdax.

Tgħid li ħuha Emanuel ma kienx jidħol il-bank ma' missierha iżda kien joqod jistennieh fil-karozza. Iżżid li dan tafu għax kien jgħidilha missierha stess.

**In kontinwazzjoni tal-kontroeżami,**[30] xehdet li hija kienet taf li l-post tagħha kienu ser ituh lil tad-duttrina għax missierha kien qalilha.

**In kontinwazzjoni tal-kontroeżami,**[31] xehdet li hija rat il-vidjows tal-festini tat-tfal ta' Frances li nżammu fil-garaxx fl-1989 u fl-1992.

Tgħid li l-post tagħha ħaduh tad-duttrina ftit wara li żżewġet Frances—li żżewġet fl-1988.

Tgħid li fil-vidjows tal-festini msemmija hija rat il-bieb fil-garaxx ta' Frances imbarrat u mkaħħal bis-siment. Tgħid li dan għadu hekk sal-lum.

Mistoqsija jekk il-ħajt jifred il-bitħa qattx kien inbena tgħid li ma tafx.

Moqrija lilha parti mill-affidavit tagħha fejn tirreferi għall-ħajt li kien beda jinbena minn żewġha meta kien jibni d-djar lil missierha u li skontha tneħħa minn oħtha Frances tgħid li hemm kienet qed tirreferi għall-hajt tal-bitħa. Tgħid allura li taħseb li kien hemm ħajt jifred il-bitħa f'parti u parti oħra. Tgħid iżda li dan ma kienx ittella' sa fuq. Iżżid li meta mbagħad sar il-konkos fil-bitħa ta' Frances tneħħa l-ħajt. Tgħid li l-konkos sar minn żewġha, missierha, u r-raġel ta' oħtha Doris.

Murija r-ritratti annessi mal-affidavit ta' żewġha—ritratti a fol. 77, 78, u 79—tgħid li l-ħajt kien bi dritt fejn hemm il-mursali. Tgħid iżda li hija dan qatt ma ratu mibni.

Tgħid li hija u oħtha Frances kienu ġġieldu meta saret taf li l-bieb bejn il-proprjetajiet ingħalaq u Frances qatgħet il-kamra għaliha. Tgħid li ma tiftakarx is-sena meta ġġieldu.

Tgħid li taħseb li meta l-post tagħha kien qed jintuża minn tad-duttrina hija kienet taf li l-bieb kien magħluq.

Tgħid li għalkemm taqbel li fil-vidjow tal-festin tal-1989 il-bieb jidher imbarrat u mkaħħal ma tafx jekk fi żmien li sar it-testment tal-1993 kienx magħluq.

**Joseph Grech**, żewġ l-attriċi, xehed permezz ta' affidavit.[32] Jiddikjara li huwa ilu miżżewweg lill-attriċi Antonia mill-1974.

Iżid li huwa għamel madwar ħamsa u erbgħin (45) sena jaħdem bħala bennej. Jgħid li fost oħrajn bena ż-żewġ postijiet fi Triq Madre Margherita Debrincat, Ta' Kerċem, għal missier l-attriċi, George. Iżid li dan għamlu bl-għajnuna ta' ħaddiema tiegħu kif ukoll ta' ħut l-attriċi Emanuel u Salvatore.

Jgħid li waqt li kien jibni dawn il-postijiet huwa ma kienx jaf li wieħed minnhom kien ser jingħata lil martu. Iżid li sar jaf dan biss meta oħt martu, Frances, kienet ser tiżżewweġ u riedet fejn toqgħod u għalhekk ingħatat wieħed mill-postijiet f'ħajjet missierha.

---

[30] Magħmul fl-udjenza tat-13 ta' Ottubru, 2022—traskrizzjoni mhix paġinata.
[31] Traskrizzjoni a fol. 432.
[32] Affidavit a fol. 75 u 76 b'dokumenti annessi a fol. 77 sa 79.

Jiddikjara li huwa jaf sew kif kienu mqassma l-postijiet b'dan li jaf li l-ħajt divizorju kien bejn il-btieħi. Jannetti ritratti juru dan il-ħajt mhux komplut. Jispjega li l-mursali li jidhru fil-ħajt mhux komplut juru fejn kellu jitla' l-ħajt sabiex minn bitħa ma jkunx hemm prospett għal ġewwa l-oħra.

Jiddikjara li jiftakar li meta kien qed jiġi pjantat ix-xogħol missier martu kien qabbad lill-Perit Guido Vella sabiex jaqsam iż-żewg postijiet. Iżid li George, missier il-partijiet, ried jaċċerta ruħu li ż-żewġ postijiet ikunu ndaqs bħala qies.

Iżid li fil-kamra li tagħti għal bitħa li Frances tgħid li hija tagħha hemm għaddejjin il-katusi tad-drenaġġ tal-fond ta' martu. Jgħid li dan ma kienx ikun aċċettabbli kieku tali kamra hija tassew ta' Frances.

**Il-Perit Guido Vella**, xehed[33] li l-pjanta a fol. 23 tal-proċess—li turi ż-żewġ djar legati waħda lill-attriċi u oħra lill-konvenuta Frances Bugeja—kien għamilha huwa. Jiċċara li huwa għamel il-pjanta tal-bini mhux id-distinzjonijiet magħmula bil-kulur.

Jgħid li huwa kien inkarigat jagħmel il-pjanta minn missier il-kontendenti, George Debrincat.

Iżid li George jiġi ħu martu li kellhom għalqa li huwa qasamilhom fi tnejn b'George messu l-biċċa li mbagħad huwa ppjantalu f'żewġt idjar. Jispjega li tenut kont tal-pendil tat-triq kien ippjanta garaxx taħt u żewgt idjar fuq.

Jgħid li ma jiftakarx kienx mar jimmarka l-linja bejn iż-żewġt idjar iżda l-pjanta, għalkemm imxattra, hija sempliċi.

[33] Traskrizzjoni a fol. 95 sa 98.

**In-Nutar Dr Michael Refalo**, xehed[34] li lil George Debrincat, missier il-kontendenti, kien jafu personalment.

Jesibixxi kopja tat-testment ta' George Debrincat tat-13 ta' Jannar, 2011 bil-pjanta annessa miegħu.[35]

Jgħid li l-pjanta kienet iffirmata minn George Debrincat stess li kien iffirmaha fil-preżenza tax-xhieda u naturalment tiegħu.

Jgħid li dakinhar ta' dan it-testment George kien akkumpanjat minn John Schembri li deher bħala xhud fuq it-testment. Iżid li ma jafx kienx hemm xi ħadd minn uliedu miegħu.

Jgħid li mhux ċert x'sar dakinhar. Iżid iżda li normalment, testment jiktbu dak il-ħin bil-pjanti relattivi jinġabu lilu mit-testatur.

Iżid li apparti John Schembri bħala xhud kien hemm is-segretarja tiegħu.

**John Schembri**, xehed[36] li meta mietet mart George, missier il-kontendenti, George kien bagħat għalih sabiex jgħinu bid-denunzja tagħha. Iżid li dan peress li huwa għamel żmien jaħdem mal-Gvern fis-sezzjoni tad-denunzji.

Jgħid li lil George huwa sar jafu meta diġà kellu ċerta età.

Jgħid li huwa kien preżenti bħala xhud fuq it-testment ta' George tat-13 ta' Jannar, 2011. Iżid li ma jafx kif sar u kif ġiet annessa miegħu l-pjanta. Jgħid li jiftakar lil George

[34] Traskrizzjoni a fol. 103 sa 107.
[35] Testment a fol. 108 sa 109 bil-pjanta a fol. 110.
[36] Traskrizzjoni a fol. 111 sa 116.

jgħid li ried jagħmel it-testment għax ried iħalli lil uliedu sewwa.

Jagħraf il-firma ta' George fuq il-pjanta u jgħid li rah huwa stess jiffirma l-pjanta.

Iżid li lil George jiftakru jara sew.

**In kontroeżami**,[37] xehed li sabiex għenu bid-denunzja ta' martu lil George kien jiltaqa' miegħu d-dar tiegħu—ta' George—stess.

Mistoqsi dwar il-vista ta' George jgħid li huwa meta kien imur għandu kien isibu bilqiegħda imma huma u jitkellmu kien ikun iħares lejh.

**Frances Bugeja**, konvenuta, xehdet permezz ta' affidavit.[38] Tiddikjara li meta l-ġenituri tagħha ġew sabiex jagħmlu t-testmenti tagħhom, huma kienu diġà qalulhom—lill-aħwa kontendenti—kif ser jaqsmu ġidhom.

Tgħid li l-aħwa kontendenti lkoll kienu jafu bit-testment unica charta tal-ġenituri tagħhom tat-12 ta' Ottubru, 1993. Tiċċita l-Artikolu 11 tal-istess testment.

Tgħid ukoll li l-ġenituri tagħhom riedu li d-djar fi Triq Madre Margherita Debrincat, Ta' Kerċem, jgħaddu għandha u għand oħtha l-attriċi Antonia. Tiċċita li fit-testement tagħhom niżżlu wkoll li *għal kull buon fini t-testaturi jiddikjaraw u għalhekk iridu u jordnaw illi l-fondi fi Triq Madre Margherita Debrincat, [Ta'] Kerċem imħolli b'dan l-Artikolu għandhom jiġu perċepiti mir-rispettivi legatarji skond [sic] kif huma llum diviżi u separati minn xulxin*.

[37] Traskrizzjoni a fol. 116 sa 118.
[38] Affidavit a fol. 129 sa 135.

Tgħid li missierha żied dan il-kliem speċifikatament, b'dan li kien jaf x'qed jagħmel.

Tiddikjara li meta bena, missierha kien ħalla konnessjoni bejn iż-żewġ proprjetajiet b'bieb fuq wara tal-garaxx issa tagħha. Tgħid li dan il-bieb kien jinsab f'kamra wara l-garaxx legat lilha bil-forma tiegħu għadha tidher. Iżżid li kien missierha stess li għalaq il-bieb. Tgħid li kien anke qabbadha tgħid lil żewġha jkaħħal il-bieb bis-siment iswed li għadu fil-fatt jidher.

Tiddikjara li oħtha l-attriċi kienet l-ewwel li ghazlet il-post li riedet u kienet kuntenta bih. Tgħid li lilha l-post tawhula l-ġenituri tagħha, ġebel u saqaf, u komplietu hi qabel iżżewġet.

Tiddikjara li hija żżewġet fl-1988 b'dan li kulħadd kien diġà jaf fejn ser imissu qabel inkiteb it-testment tal-1993.

Tgħid li fost ix-xogħlijiet li għamlet fil-post tagħha qabel iżżewget kien hemm l-art tal-konkos tal-garaxx u l-bitħa. Tgħid li din saret minn missierha flimkien ma' Loretu, ir-ragel ta' oħtha Doris, ħuha Saviour u Joseph Grech, ir-raġel ta' oħtha, l-attriċi Antonia. Tgħid li missierha ried ikun preżenti kif fi-fatt kien.

Tiddikjara li t-testment tal-1993 jirrifletti eżatt dak li kienu qalulhom il-ġenituri tagħhom ftit wara li żżewget hija.

Tgħid li ftit żmien wara li żżewġet hija, tad-Dottrina kellmu lil missierha sabiex jużaw id-dar li messet lil oħtha Antonia bħala mużew. Tgħid li b'dan kien qalu lil Antonia. Iżżid li

missierha kien iħobb ikun prezenti waqt ix-xogħlijiet sabiex ikun ċert li ma jinqalax diskors wara mewtu.

Tgħid li wara xi snin jgħixu fil-post li tawha l-ġenituri tagħha, hija u familtha marru joqogħdu x-Xewkija. Iżżid li ftit wara l-ġenituri tagħha staqsewha setgħetx tuża l-post oħtha Doris li kienet ġejja lura mill-Awstralja. Tgħid li hija ma oġġezzjonatx u Doris daħlet fil-post tagħha. Tgħid li hija flimkien ma' missierha u Doris ħattew *container* li ġabet magħha Doris fil-kamra ta' wara l-garaxx tagħha. Iżżid li Doris u familtha baqgħu fil-post tagħha sa ma lestew tagħhom li kienu qed jibnu f'Ta' Kerċem stess. Iżżid li meta ħarġet Doris hija bdiet trabbi l-fniek fil-garaxx u l-kamra ta' wara.

Tiddikjara li meta mietet ommha, ħutha Antonia u Emanuel raw it-testment fejn kien jingħad li l-proprjetajiet fi Triq Madre Margherita Debrincat kellhom jittieħdu kif dakinhar maqsumin. Tgħid li hija din il-ħaġa saret tafha biss wara li naqas missierha. Iżżid li llum tifhem għalfejn Antonia rat kif għamlet u daħlet pjanta. Tgħid li missierha ġie tradut.

Tgħid li wara li miet misserha hi u wħud minn ħutha marru għand in-Nutar Enzo Refalo fejn inqrawlhom it-testmenti. Tgħid li dakinhar stess ingħataw ukoll kopji tat-testmenti u tal-pjanta annessa ma' dak tal-2013. Tgħid li dakinhar it-testment tal-2011 ma ssemmiex u wisq anqas inqara.

Tiddikjara li għadda ftit żmien ieħor qabel hija saret taf bit-testment tal-2011. Tgħid li dan ġara meta Antonia marret għandha b'kopja tat-testmenti tal-1993, 1994, u l-2013 inkluz il-pjanta annessa ma' dak tal-2013. Iżżid li oħtha Antonia qaltilha wkoll bi żball li kien hemm fejn kunjomha tniżżel bħala «Buhagiar» mhux «Bugeja».

Tiddikjara li xi jumejn wara dan Antonia bdiet tgħid li hi għalqitilha bieb fil-post tagħha u li qalet il-ħajt tal-bitħa. Tgħid li dan ma kienx minnu. Iżżid li s'issa kien għadha anqas taf bit-testment tal-2011. Iżżid li hija sa mill-1988 qatt ma bidlet xejn fil-post li mess lilha.

Tiddikjara li hawn hija marret għand avukat li qalilha li kif inhuma maqsumin il-postijiet illum jirrifletti dak dikjarat fit-testmenti tal-1993 u l-1994. Tgħid li wara dan qalet lil Antonia li l-kamra u l-bitħa kienu tagħha għax hekk kienu maqsumin minn dejjem. Tgħid li s'hawnhekk ukoll kien għadha ma tafx bit-testment tal-2011.

Tgħid li ftit taż-żmien wara ċemplilha ħuha Emanuel u għarrafha li kien hemm pjanta oħra. Tgħid li għalhekk marret miegħu għand in-Nutar Refalo fejn ġew murija l-pjanta. Tgħid li ftit wara ġabret ukoll kopja tat-testment tat-13 ta' Jannar, 2011 u l-pjanta annessa miegħu.

Tgħid li ftit żmien wara ħutha Saviour u Emanuel marru magħha fil-post tagħha sabiex jaraw kif inhuma l-affarijiet. Tgħid li ppruvaw jaslu ma' Antonia iżda ma rnexxielhomx għax Antonia baqgħet tinsisti li l-kamra ta' wara u biċċa mill-bitħa kienu tagħha. Tgħid li wara dan ġiet notifikata b'din il-kawża.

Tiddikjara li l-pjanta mat-testment ta' l-2011 missierha qatt ma seta' jkun jaf x'fiha għax sa dakinhar kien ilu li mar lura minn għajnejh. Tgħid li missierha mar lura minn għajnejh meta kien għadha ħajja ommha tant li kien jirċievi t-tqarbina d-dar. Iżżid li ommha kienet tarma mejda bħal artal sakemm ikun hemm il-qassis għat-tqarbin b'dan li xħin kien jitlaq il-qassis kienet tagħmlilhom premura sabiex ineħħu l-mejda li ma jaqax fiha missierha. Iżżid li ommha mietet fl-2010.

Tiddikjara li kienet ommha li kienet tieħu ħsieb affarijiet ta' banek u flus għax missierha karta ma kienx jaraha.

Iżżid li missierha kien imur il-bank b'karta f'but tal-lemin u oħra f'tax-xellug u hekk biss kien jiddistingwi bejniethom peress li ma kienx jara. Tgħid li meta mietet ommha bdiet tieħu ħsieb ta' din il-proċedura oħtha Antonia.

Tiddikjara li wara li mietet ommha ħuha Saviour beda jorqod ma' missierha u kellu anke jimbarra xi kmamar għax darba missierha daħal fil-kamra tal-gallarija u ma setax isib is-sodda.

Tesibixxi żewġ (2) ritratti li tgħid li juru lin-neputija tagħha, bint binha, f'idejn missierha u ommha.[39] Tgħid li dakinhar li żammja f'idu qalilha li dispjaċut li ma jistax jaraha.

Tgħid li missierha kien biss ikun jaf li hemm xi ħadd quddiemhu għax jara dell, imbagħad jieħu lil dak li jkun minn leħnu. Tgħid li l-aħwa lkoll kienu jafu li missierhom kien qed jitlef id-dawl t'għajnejh. Iżżid li huwa għalhekk li qatt ma seta' ra x'qed jiffirma meta sar it-testment tal-2011. Iżżid li żgur li ma kellux idea ta' kif qasmu l-post fuq il-pjanta ma' dak it-testment.

Tiddikjara li missierha kien jaf li Antonia xtaqet li l-kamra ta' wara tkun parti mill-post tagħha. Iżżid iżda li madanakollu huwa qasam il-postijiet kif inhuma llum. Iżżid li kien għalhekk li ħa ħsieb jiddikjara li dawn għandhom jiġu perċepiti kif maqsumin.

Tesibixxi ritratt ieħor li tgħid li ħadet fl-1989 f'festin li għamlet lil binha fil-garaxx. Tgħid li missierha kien qalilha sabiex f'dak ir-ritratt iġġib ukoll jidher il-bieb magħluq.

[39] Ritratti f'envelop abjad ta' ditta tar-ritratti—a fol. 141.

Tgħid li dakinhar ma fehmitx għalfejn talabha tagħmel hekk imma issa tifhem. Iżżid li fir-ritratt tidher ommha bilqiegħda b'binha tarbija f'idejha, maġenbha tidher oħtha Antonia liebsa skur, u fuq in-naħa l-oħra jidhru hi, żewġha u oħtha Lucy bit-tifel tagħha flimkien mal-mara ta' ħuha Emanuel. Iżżid li fuq ix-xellug tar-ritratt jidher il-bieb magħluq liema bieb kien qabel iniffed il-garaxxijiet. Tgħid li dan il-bieb għalqu missierha mhux hi kif tgħid Antonia.[40]

Tgħid li Antonia kienet konxja b'dan il-bieb magħluq kif jidher ċar mir-ritratt tal-1989 u għalhekk li fit-testment tal-1993 il-ġenituri tagħhom kitbu li l-proprjetajiet jiġu perċepiti kif maqsuma.

Tesibixxi diversi ritratti li juru katusi tad-drenaġġ li għadda missierha mill-kamra tagħha sabiex jinqeda l-post ta' Antonia. Tgħid li dawn tlestew sal-1992 meta żammet festin għal bintha. Iżżid li r-ritratti li tippreżenta ttieħdu fil-fatt fil-festin ta' bintha miżmum fl-1992 u fihom jidhru l-katusi fl-isfond. Tesibixi wkoll ritratt ieħor meħud fl-istess festin tal-1992 li juri l-bieb imbarrat u mkaħħal bis-siment.

Tesibixxi wkoll żewġ (2) *stills* meħudha minn vidjow tal-festin ta' binha miżmum fl-1989 fejn jidher il-garaxx min-naħa tat-triq u l-bieb li jagħti għall-kamra ta' wara kif għadu sal-lum.[41]

Tippreżenta wkoll il-vidjows sħaħ tal-festini tal-1989 u l-1992[42] u ritratti addizzjonali. Tgħid li dawn il-festini t-tnejn saru fil-garaxx tagħha u minnhom jidher eżatt kif kienu

[40] Ritratt immarkat MB1 f'envelop ta' ditta tar-ritratti abjad a fol. 141.
[41] Ritratti inkluż dak immarkata MB3 f'envelop ta' ditta tar-ritratti abjad a fol. 141.
[42] Fuq *flashdrive* tad-ditta «First Champion» magħluq f'envelop tal-Gvern ta' Malta, envelop ta' lewn kannella, a fol. 142.

mqassmin il-garaxx u l-kamra oriġinarjament—kif għadhom sal-lum.

Tippreżenta wkoll kopja tal-*card* maħruġa lil missierha mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabbilità meta ma baqax jara.[43]

Tipprezenta wkoll kopja ta' formula datata l-2010 u ffirmata minn missierha li skont hi turi li tant ma kienx għadu jara li ma setgħex jiffirma fuq in-linja.[44] Iżżid li l-firma tiegħu kienet ukoll inbidlet drastikament riżultat tat-telf ta' vista. Tippreżenta dokumenti addizzjonali li juru l-firma ta' missierha kif kien jagħmilha fl-2004, snin qabel bdiet tmur lura l-vista tiegħu.[45]

**In kontroeżami**,[46] tixhed li fl-1993 missierha għamel testment li bih ħalla proprjetà lilha u oħra lil oħtha Antonia. Tgħid li hija bdiet tirranġa l-post qabel, fl-1986, b'dan li żżewġet fl-1988 u riedet tgħix fih wara ż-żwieġ. Tgħid li fl-1988 hija kellha kollox lest kif ħallewla l-ġenituri tagħha u ma messet xejn. Iżżid li fl-1989 kellha t-tifel.

Tgħid li allura meta sar it-testment fl-1993 il-bieb bejn il-proprjetà tagħha u dik ta' oħtha kien diġà mbarrat. Tinsisti li lilha l-ġenituri tagħha tawha sehemha fl-1986 kif jinsab illum bil-bieb kien allura diġà mbarrat.

Taqbel li oħtha Antonia ma kinitx kuntenta b'kif inqasmu l-proprjetajiet tant li fl-1988 jew l-1989 kienu ġġieldu fuq hekk.

Suġġerit lilha li allura meta għamel it-testment tal-2011, missierha kien jaf li hija u oħtha miġġeldin tgħid li mill-

[43] F'envelop ta' ditta tar-ritratti abjad a fol. 141.
[44] Dokumenti a fol. 136 u 137.
[45] Dokumenti a fol. 138 u 139.
[46] Magħmul fl-udjenza tat-13 ta' Ottubru, 2022—traskrizzjoni mhux paġinata.

1988 jew l-1989 meta ġġieldu hi u oħtha l-kwistjoni tal-bieb mbarrat ma reġgħetx qamet.

Tgħid li fl-2011 hija ma kinitx preżenti għat-testment u li safejn kienet taf hi kellu jittrattat biss xi raba'.

Tikkonferma li missierha kien imur il-bank waħdu iżda tgħid li l-karti kienu jirranġawhomlu ommha u wara mewt ommha xi ħadd minnhom.

Tinsisti li l-ħadida li għamel ħuha Saviour sabiex jimbarra l-kamra tal-gallarija saret wara li mietet ommha.

**In rieżami**, tixhed li l-bieb li kien jeżisti bejn il-proprjetajiet ġie mbarrat fl-1986 meta bdiet tirranġa l-post hi.

Tispjega li ommha kienet tipprepara l-karta tal-bank għal missierha u dan kien iżomm tal-pensjoni f'but u tal-imgħax f'ieħor biex imbagħad ikun jaf x'għandu joħroġ meta jkun il-bank. Iżżid li lil tal-bank kien jgħidilhom li ma jarax u kienu jieħdu ħsieb huma.

**Doris Curmi**, konvenuta, xehdet[47] li bil-wirt tagħhom, il-ġenituri tagħhom il-partijiet kontendenti ħallew xi ħaġa lil kull wieħed u waħda minnhom l-aħwa.

Iżżid li taf lil lil hutha Antonia u Frances ħallewlhom post kull wieħed, maġenb xulxin, fi Triq Madre Margherita Debrincat, Ta' Kerċem.

Tgħid li meta hija ġiet fl-1996 missierha qalilha x'kien ħalla lil kulħadd. Iżżid li ommha mietet fl-2010 u missierha miet fl-2014.

Tgħid li hija għamlet żmien tgħix fil-post ta' oħtha Frances. Iżżid li dan kien minn meta ġiet lura mill-Awstralja fl-1996

[47] Traskrizzjoni a fol. 143 sa 156.

sabiex tibqa' Għawdex għalkollox għal xi tliet (3) snin sakemm lestiet il-post tagħha. Tgħid li kien missierha li qalilha toqgħod fil-post ta' Frances sakemm tlesti tagħha.

Tispjega li l-garaxx ta' Frances kont tidħol fih mit-triq fejn fih kont imbagħad issib bieb għall-kamra ta' wara minn liema kamra mbagħad hemm bieb għal ġol-bitħa. Iżżid li għall-bitħa hemm ukoll bieb ieħor mill-garaxx stess.

Tgħid li l-garaxx ta' Frances ma jinfidx għall-proprjetà ta' Antonia. Iżżid li xi darba kien hemm bieb iżda dan jinsab magħluq. Murija ritratt esibit mal-affidavit ta' Frances bħala dokument «SB4» tagħraf il-bieb magħluq.[48] Tgħid li dan il-bieb kien ilu magħluq min qabel l-1996. Tgħid li dan tafhu għax hekk ratu meta kienet Għawdex għal btala fl-1988. Tgħid li dakinhar ir-raġel tagħha Loretu għinhom jagħmlu art tal-konkos mill-garaxx għal gol-kamra u l-bitħa ta' Frances.

Tgħid li hija l-aħħar li ġiet meta kien għadu ħaj missierha kien fl-2012 u qabel dakinhar fl-2010. Tgħid li missierha ma kienx jara ħafna minm għajn waħda iżda dwar l-oħra ma tafx. Tgħid iżda li meta mietet ommha fl-2010 kienet hi li ħadet lil missierha l-isptar jara lil martu mejta. Iżżid li dakinhar għenitu jinżel it-tarag hi, billi żammitu lambranzetta, u xħin waslu fejn ommha għenitu jsib fejn ibusha. Tgħid li flok wiċċha beda jmissilha saqajha sa ma għenitu hi. Iżżid li taf ukoll li missierha kien juża xi qtar għal għajnejh. Tgħid li darba, fiż-żmien li kienet għadha ħajja ommha, ħaditu wkoll għand tan-nuċċalijiet fejn qalulu jibża' għal għajnejh għax għandu l-pressjoni.

[48] Ritratt fl-envelop abjad ta' ditta tar-ritrati a fol. 141.

Tgħid li d-dar missierha kien ikun bilqiegħda u sabiex jitla' fuq kien ifittex it-turġien b'saqajh. Tgħid li ħuha Saviour kien jgħix miegħu.

Tgħid li taf li fil-kamra ta' wara tal-garaxx hemm xi katusa.

Tgħid li hija taf lil missierha dejjem jgħid li huwa ried iħalli kollox kif ħallieh ma' martu.

**In kontroeżami**,[49] tgħid li a fol. 89 tagħraf imejl li hija bagħtet lill-kuratur appuntat sabiex jirrappreżenta l-interessi tagħha. Tikkonferma dak li kitbet fl-istess imejl ossia li hija ma tridx tidħol fil-kwistjoni u trid li kulħadd jieħu skont ix-xewqat ta' ommhom u missierhom flimkien. Tikkonferma wkoll li hija ħalliet prokura għand in-Nutara Refalo iżda wara li għaddiet sena u ma kien sar xejn neħħitha.

**In kontroeżami ulterjuri**,[50] xehdet li qabel għexet hi fil-post ta' oħtha Frances, Frances stess kienet tgħix fih. Tiċċara li meta qalet li bejn il-post ta' oħtha Frances u dak ta' oħtha Antonia kien hemm bieb, hija riedet tfisser bieb imbarrat bil-ġebel—mibni. Tgħid li dan il-bieb imbarrat hija tafu hekk mill-1996 meta marret tgħix fil-post ta' Frances hi. Iżżid li ma tafx meta ngħalaq qabel daħlet fil-post hi.

Tispjega li l-postijiet ta' ħutha Frances u Antonia jmissu ma' xulxin b'dan li hemm ħajt li fih kien hemm bieb li hija tafu mbarrat bil-ġebel. Tgħid li fuq in-naħa l-oħra ta' dan il-bieb imbarrat ma tafx x'hemm.

Tiċċara li fejn qalet li missierha minn għajn waħda ma kienx jara sew iżda fuq l-oħra ma tafx, riedet tgħid li minn għajn waħda ma kien jara xejn u mill-oħra ma tafx.

[49] Traskrizzjoni a fol. 156 sa 158.
[50] Traskrizzjoni a fol. 166 sa 174.

Taqbel li sa l-2010 meta mietet ommha, ommha u missierha kienu jgħixu waħedhom, b'ommha torqod isfel u missierha fuq. Tgħid li dakinhar li mietet ommha lilha ċemplitilha Antonia tgħidilha li missierha kien ċemplilha u qalilha li ommhom mhix sew. Mistoqsija kif allura missierhom ra t-telefon u seta' jcempel kieku ma kienx jara sew tgħid li ma tafx. Iżżid ukoll li missierha kien jitla' u jinżel it-taraġ waħdu iżda kien iħoss it-turġien b'siequ.

**In riezami**,[51] murija diversi ritratti esibiti mal-affidavit ta' oħtha Frances,[52] tixhed li l-bieb hija minn dejjem tafu magħluq kif jidher fl-istess ritratti. Tgħid li jintgħaraf li xi darba kien bieb iżda huwa mbarrat.

Tiċċara wkoll li missierha kien izomm ma' poġġaman tal-ħadid sabiex jitla' u jinżel it-taraġ. Tgħid li kien idu waħda mal-ħadid u jħoss b'siequ.

**George Debrincat**, konvenut, xehed[53] li missieru ma kienx jara. Iżid li huwa kien jgħid li kien ilu ma jarax sew. Iżid li kont trid iżommu minn idu kemm biex toħorgu mis-sodda kif ukoll biex twasslu fil-kamra tal-banju nkella ma jmurx.

Jgħid li lejn l-aħħar ta' ħajjet missieru l-aħwa kienu jqattgħu ġimgħa kull wieħed miegħu. Iżid li missieru kien jgħidlu li ma ried jibdel xejn mid-dispożizzjonijiet testamentarji li għamel ma martu li mietet qablu.

Jgħid li l-postijiet legati lil ħutu Frances u Antonia huwa ma jafx sew kif inhuma.

Jgħid li jaħseb li wara li mietet ommu missieru ma kien jagħmel xejn waħdu. Iżid li jaf li Antonia kienet tmur

[51] Traskrizzjoni a fol. 174 sa 175.
[52] Ritratti fl-envelop abjad a fol. 141.
[53] Traskrizzjoni a fol. 181 sa 186.

issajjarlu. Iżid li filgħaxija kien dejjem jorqod xi ħadd miegħu.

**In kontroeżami**,[54] xehed li missieru u ommu kienu jorqdu wieħed fuq u l-oħra isfel. Iżid li sa minn dak iż-żmien ħuh Saviour kien diġà jgħix magħhom.

Jaqbel li missieru kien jitla' u jinżel it-taraġ waħdu. Iżid li sabiex jagħmel dan kellu poġġaman tal-ħadid. Mistoqsi jekk missieru mhux ma kien jara xejn imma kien jara ftit jgħid li ma jafx għajr li missieru kien jgħid li ma jarax.

**In rieżami**,[55] xehed li jista' jkun li oħtu Antonia kienet qalet lil kumplament tal-aħwa sabiex jagħmlu xi kuntratt dwar il-wirt. Jgħid li dan ma sarx mhux għax ma riedx hu iżda minħabba xi kwistjoni li qamet bejn Antonia u Frances.

**Lucia Saliba**, konvenuta, xehdet[56] li ommha minn dejjem twissihom ma jħallu xejn fin-nofs għaliex missierhom ma jarax u jaqa' ġo xi ħaġa.

Iżżid li bejn il-mewt ta' ommha u dik ta' missierha għaddew xi erba' (4) snin. Tgħid li f'dawk l-erba' (4) snin kienu Frances u Antonia li kienu jmorru u jieħdu ħsieb ta' missierhom. Iżżid li hi kienet tmur biss il-Ħadd wara nofsinhar tpoġġi fejn hu u joqogħdu jitkellmu.

Tgħid li meta kienet tmur hi tara lil missierha dan kien ikun f'siġġu, bilqiegħda. Tgħid li hi ma taħsibx li kien jara u dejjem tafu jgħid li sejjer lura.

Mistoqsija mill-Qorti kienx jagħrafha meta tidħol għandu tgħid li le. Iżżid li riedet tgħidlu li waslet hi sabiex ikun jaf.

[54] Traskrizzjoni a fol. 186 sa 192.
[55] Traskrizzjoni a fol. 192 sa 194.
[56] Traskrizzjoni a fol. 195 sa 198.

Tiċċara li fid-dar ta' missierha kienet tidħol waħedha—ma kien jiftħilha ħadd.

**In kontroeżami**, tixhed[57] li sakemm damet ħajja ommha dejjem tafha twissihom ma jħallu xejn fin-nofs minħabba li missierhom nieqes mid-dawl.

Tiċċara li ma taħsibx li ma kien jara xejn iżda ma tafx bl-eżatt għax mhux hi kienet tieħu ħsiebu. Tiċċara li xħin kienet tidħol għand missierha, dan ma kienx jaraha għax kien ikun fil-kċina, fuq ġewwa. Iżżid iżda li xħin kienet tidħol fil-kċina kienet tgħajjatlu u kien jagħrafha minn leħinha.

Mistoqsija kemm kien ilu hekk ma jarax qabel miet tgħid li għamel aktar minn sena. Tinsisti iżda li ma tafx bl-eżatt.

**In kontroeżami ulterjuri**,[58] tixhed li taf li qabel bdiet il-kawża kien hemm xi problemi bejn ħutha Antonia u Frances. Iżżid li taf li kienet intalbet tidher fuq xi kuntratt dwar il-wirt. Iżżid li hija ma ressqitx għal dan il-kuntratt minħabba l-inkwiet li kien hemm bejn Antonia u Frances.

**Emanuel Debrincat**,[59] konvenut, xehed[60] li missieru miet xi erba' (4) snin wara ommu. Jgħid li sa mill-mewt ta' ommu missieru ma kienx jara.

Jgħid li meta ħadu lil missieru l-isptar ħdejn ommu mejta missieru xtaq ibusha u kellhom juruh fejn. Iżid li kien mar lejn saqajha minflok wiċċha.

---

[57] Traskrizzjoni a fol. 198 sa 202.
[58] Traskrizzjoni a fol. 202 sa 203.
[59] Fit-traskrizzjoni, dan ix-xhud huwa mniżżel bħala «Emanuel Saliba». Din il-Qorti tifhem li huwa żball tal-pinna tat-traskrittur li kien għadu b'kunjom ix-xhud li nstema' qabel fl-istess ġurnata—Lucia Saliba—f'moħħu. Dan għaliex mid-domandi magħmula lil dan ix-xhud huwa ċar li dan ix-xhud huwa wieħed mill-konvenuti aħwa ġermani Debrincat.
[60] Traskrizzjoni a fol. 204 sa 210.

Jgħid li wara li mietet ommu għall-ewwel kien ħuh Saviour li kien joqgħod ma' missieru mbagħad l-aħwa bdew jagħmlu ġimgħa kull wieħed. Iżid li meta kien ikun miegħu hu missieru kien isejjaħlu billejl sabiex jieħdu l-kamra tal-banju.

Jinsisti li missieru ma kien jara xejn. Jgħid li dan jafu għax anke meta ha lil ibnu fejn missieru dan qallu li mhux jarah.

Iżid li missieru ma kienx jaqra għax ma setax ladarba ma kienx jara.

Jgħid li l-postijiet ta' Frances u Antonia nbnew minnu, ħuh Saviour, u r-raġel ta' Antonia. Iżid li missieru lil Frances taha l-garaxx u l-kamra ta' warajh. Jgħid li dan għamlu għax Antonia għandha aktar minn Frances. Jgħid li biex ikunu patta b'oħra missieru ta' l-garaxx, il-kamra ta' wara u l-bitħa lil Frances.

Jispjega li oriġinarjament il-garaxxijiet ta' Frances u Antonia kienu jinfdu iżda mbagħad missieru qasam il-postijiet lil ħutu Frances u Antonia. Iżid li l-qasma saret minn missieru kif inhi bħalissa. Jinsisti li lil Frances tagħha l-garaxx, il-kamra u l-bitħa bl-art tal-konkos għamilhielha huwa wkoll. Iżid li d-drenaġġ ukoll għamlu missieru u għadda ta' waħda minn ġo tal-oħra.

Jgħid li l-post missieru qasmu bejn ħutu qabel mietet ommhom. Jgħid li dan issa ilu xi tletin (30) sena.

Jgħid li l-aħwa kollha kienu jafu x'ser imisshom qabel infetaħ il-wirt għax missierhom kien jgħidilhom.

Jinsisti li l-bieb bejn il-postijiet ta' Frances u Antonia kien għalqu missieru.

**In kontroeżami,**[61] xehed li l-bieb bejn il-postijiet ta' Frances u Antonia missierhom kien ilu li għalqu.

Jgħid li lil missieru ħadu xi ħadd biex għamel testment ieħor wara l-mewt ta' ommhom. Iżid li huwa sar jaf bit-testment l-ieħor wara. Iżid li l-pjanta tal-2011 missieru ma qallux biha għax ġiegħluh.

Jgħid li missieru qal lill-aħwa kif kien ser jaqsam meta kien għadha ħajja ommhom. Iżid li ilu xi tletin (30) sena li kien laqqagħhom jgħidilhom kif ser tinqasam il-proprjetà.

Jgħid li ma jaħsibx li meta bena l-postijiet missieru, dan kien diġà jaf x'ser jagħti lil min. Iżid li l-bieb bejn il-postijiet ta' Frances u Antonia missieru għalqu meta ddeċieda li jaqsmilhom.

Jinsisti li minkejja li għalaq il-bieb, missieru kien jgħid li l-garaxx, kamra u bitħa għal Frances.

Rigward dakinhar li ħa lil ibnu jara lil missieru u missieru m'għarfux, jgħid li dan ġara xi xahrejn wara li mietet ommu.

**In kontroeżami ulterjuri,**[62] xehed li jaqbel li wara li miet missieru nqala' xi diżgwid bejn ħutu Frances u Antonia dwar l-estent tal-postijiet legati lilhom. Iżid li ma jiftakarx jekk qabel saret din il-kawża ġiex propost kuntratt dwar dan.

**In kontinwazzjoni tal-kontroeżami,**[63] xehed li missieru kien qalilhom ilkoll x'ser imisshom. Jgħid li għal dan il-għan kien laqqagħhom ferm qabel mietet ommhom.

[61] Traskrizzjoni a fol. 211 sa 217.
[62] Traskrizzjoni a fol. 217 sa 219.
[63] Traskrizzjoni a fol. 279 sa 283.

Mistoqsi dwar kif kien iżomm ħwejġu missieru jgħid li ma jafx. Iżid li huwa jista' jtkellem biss dwar x'kien jiġri filgħaxija meta kien imur jorqod miegħu. Jgħid li kien ikollu jmexxih minn naħa għall-oħra.

Jgħid li tul ħajjet ommu missieru kien kapaci jagħmel kafè waħdu. Iżid li wara li mietet ommu missieru ma kienx jagħmel wisq waħdu.

**Joseph Debrincat**, konvenut, xehed[64] li missieru kien jgħidlu li ma jarax u kien isaqsih jgħajjat lil uliedu b'isimhom ħalli jkun jaf lil min għandu miegħu. Jgħid li dan kien meta ommu kien għadha ħajja.

Iżid li darba mar fejn missieru u dan tah xi flus f'idejh. Jgħid li huwa ma ridhomx u rmihom mal-art b'missieru beda jibki u kellu jiġborhomlu huwa għax ma setax jara jiġborhom. Jgħid li dan l-inċident ġara xi xhur wara li kienet mietet ommu.

Jgħid li dwar il-garaxxijiet ta' ħutu Frances u Antonia ma jaf xejn għax darba biss mar hemm u kien billejl.

Jgħid li xi ħamsa u tletin (35) sena qabel missieru kien laqqagħhom u qalilhom x'ser imiss lil min.

**In kontroeżami**,[65] xehed li dakinhar li rema l-flus fl-art u kellu jiġborhom huwa missieru kien b'nuċċali tax-xemx kif dejjem jafu.

Jiċċara li l-inċident fejn misseru qallu jgħajjat lil uliedu b'isimhom għax ma kienx jagħrafhom ġara qabel mietet ommu. Jgħid illi kieku missieru kien jara ma kienx ser jgħidlu jidentifika lil uliedu b'isimhom.

[64] Traskrizzjoni a fol. 220 sa 223.
[65] Traskrizzjoni a fol. 223 sa 228.

**In kontroeżami ulterjuri**,[66] xehed li wara li miet missieru oħtu Antonia bagħtet għalih sabiex isir kuntratt rigward il-wirt. Jgħid li huwa ddeċieda li ma riedx jiffirma dan il-kuntratt iżda ma jiftakarx għalfejn. Jgħid li huwa ried li kollox jitranġa bis-sewwa.

**Carmel Debrincat**, konvenut, xehed[67] li missieru minn għajn waħda ma kien jara xejn. Jgħid li missieru ntebaħ li ma jarax minn għajn waħda meta kienet għadha ħajja ommu.

Jgħid li wara li mietet ommu missieru kien jirranġa waħdu iżda ċertu affarijiet, bħal qadja l-bank, kien iwasslu huwa sal-bieb imbagħad iħallih jidħol waħdu. Iżid li mbagħad xħin jarah ħareġ jerġa' jmur għalih.

Jgħid li billejl huwa kien imur jorqod għand missieru u kien ikollu jwasslu sal-kamra tal-banju.

Jgħid li bejn il-post ta' Frances u dak ta' Antonia hemm bieb imbarrat. Iżid li missieru kien qalilhom kif ser tinqasam il-proprjetà u lilu kien qallu li ser jagħti l-post ta' fuq lil Antonia u ta' isfel lil Frances imma fuq garaxxijiet u btieħi ma qallu xejn.

Jgħid li m'għandux idea meta ngħalaq il-bieb li kien hemm bejn il-post ta' ħutu Antonia u Frances.

**In kontroeżami**,[68] xehed li lil missieru kien jieħdu l-bank huwa sa xi sentejn wara li mietet ommu meta mbagħad missieru waqa' u ma baqax imur.

Jgħid li huwa kien iwassal lil missieru sa quddiem it-taraġ tal-bank b'dan kien jitla' t-taraġ waħdu, jidħol il-bank

[66] Traskrizzjoni a fol. 228 sa 230.
[67] Traskrizzjoni a fol. 231 sa 237.
[68] Traskrizzjoni a fol. 237 sa 243.

waħdu, jinqeda mill-bank waħdu, u xħin jeħles u jitfaċċa barra huwa kien imur għalih.

Jinsisti li dwar il-postijiet ta' Antonia u Frances missieru kien jgħidlu biss li fuq ta' waħda u isfel ta' oħra, xejn aktar.

Jaqbel li missieru kien jorqod fuq u ommu kienet torqod isfel. Iżid li ma jafx x'ġara l-lejl li mietet ommu.

Jgħid li qabel waqa', missieru fid-dar kien ikun bilqiegħda fuq siġġu. Iżid li Antonia tista' tgħid aħjar x'kien kapaċi jagħmel għax hi kienet tkun miegħu binhar. Jgħid li s-subien aktar kienu jkunu miegħu billejl.

**In kontroeżami ulterjuri**,[69] xehed li wara li miet missieru qamet kwistjoni bejn ħutu Frances u Antonia dwar il-kamra—fuq kif għandhom ikunu maqsuma l-postijiet. Jgħid li huwa prova jwassalhom iżda ma wasslux.

**In rieżami**, jixhed[70] li sabiex jitla' t-taraġ tal-bank missieru kien iżomm mal-poġġaman. Iżid li missieru l-bank kien jafu bl-amment għax bank wieħed biss kien juża.

**Saviour Debrincat,** konvenut, xehed[71] li għajnejn missieru dejjem kienu batuti. Iżid li minn meta mietet ommu missieru mar lura. Jgħid li huwa kien beda jorqod miegħu u hu kien dejjem jibki li m'għadux jara u għal martu li naqset.

Jgħid li huwa waqaf mix-xogħol wara li mietet ommu sabiex joqgħod ma missieru fuq talba ta' missieru. Jgħid li kellu jimbarralu xi kmamar għax billejl kien jintilef fihom. Iżid li darba sabu fil-kamra tal-gallarija u beda jgħidlu li ma

[69] Traskrizzjoni a fol. 243 sa 245.
[70] Traskrizzjoni a fol. 245 sa 247.
[71] Traskrizzjoni a fol. 248 sa 258.

jafx fejn qieghed. Jgħid li dan seħħ xi ġimgħa jew tnejn wara li mietet ommu.

Jgħid li missieru kien iħoss il-kanna timbarra l-bieb tal-kamra u jsegwi l-istess għat-taraġ sabiex jinżel. Jgħid li missieru kien isib il-poġġaman u jinżel waħdu jżomm miegħu. Iżid li sabiex jitla' fuq kien isib l-ewwel tarġa b'siequ mbagħad jaqbad mal-poġġaman u jibda tiela'.

Jgħid li missieru ma kien jagħraf lil ħadd u kien dejjem jibki li aħjar tielef idu u siequ milli d-dawl t'għajnejh. Iżid li kien jgħidlu li mqar għandu ftit dawl.

Jgħid li mindu mietet ommu, missieru karta ma setax jara x'kien hemm fuqha u ma setax jaqra. Iżid li kienu jeħdulu ħsieb Antonia u Carmel.

Jaqbel li fl-2013 sar testment fejn kien anke preżenti l-avukat patrocinanti lil oħtu Frances u missieru ffirma mxengel. Iżid li ma jaħsibx li missieru kien ikun jaf fejn qiegħed jiffirma għax kien ikollu jpoġġielu idu huwa sabiex jiffirma.

Jgħid li huwa kien involut fil-bini tal-postijiet ta' Antonia u Frances. Jispjega li Frances għandha garaxx, kamra warajh u l-bitħa sħiħa. Iżid li l-garaxx ta' Antonia qiegħed in-naħa ta' fuq, fil-kantuniera. Iżid li dawn illum ma jinfdux. Jgħid li l-garaxxijiet infirdu meta huwa kien għadu ġuvni. Iżid li kien għalaq il-bieb missieru biex seta' jaqsam bejn Frances u Antonia. Iżid li l-konkos fil-garaxx ta' Frances tawh hu, missieru, u Loretu, żewġ oħtu Doris.

Jgħid li missieru kien kapaċi juża t-telefon waħdu u jċempel iżda ġieli ma poġġiehx lura sewwa. Iżid li kienu xtrawlu telefon bin-numri kbar.

**In kontroeżami**,[72] xehed li f'ħajjet ommu kien hu li jwassal lil missieru l-bank. Iżid li wara li mietet ommu qatt ma ħadu l-bank hu iżda kien jieħdu ħuh. Jgħid li l-bank missieru kien ifendi għal rasu.

**In kontinwazzjoni tal-kontroeżami**,[73] jgħid li wara li mietet ommu kien imur isaqqi xi raba' li kellu missieru fejn il-post. Jgħid li missieru kien igerger biex ma jaħlix ilma imma qatt ma għatta l-arloġġ tal-ilma b'ċarruta sabiex ma jarahx.

Jgħid li sa ftit wara li mietet ommu missieru kien għadu jagħmel kafè waħdu iżda aktar tard ma baqax u kienu jagħmlulu l-kafè huma.

Rigward ħwejjeg jgħid li ħwejjeġ missieru kienu jirranġawhomlu ħutu.

Jaqbel li missieru kien jagħmel ħinijiet id-dar waħdu.

**Dr Patrick Sciberras**, in rappreżentanza tas-Supretendent tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, xehed[74] li rigward George Debrincat, missier il-partijiet kontendenti, fil-file għandu notament tal-1988, ieħor tal-20 ta' Mejju, 1993 fejn rah xi ħadd tal-għajnejn u ngħata preskrizzjoni ġol-qtar peress li nstab li kellu l-pressjoni f'għajnejh—*glaucoma*, ieħor ta' Ġunju 1993 dwar inġident fejn laqtitu baqra f'għajnejh il-leminija, oħrajn tal-1993, 1996, 2002 u 2003 dwar *check-ups* regolari tal-għajnejn, u ieħor tal-2004 fejn instab li kellu katarretta.

[72] Traskrizzjoni a fol. 258 sa 260.
[73] Traskrizzjoni a fol. 284 sa 287.
[74] Traskrizzjoni a fol. 265 sa 273.

Iżid li m'għandux notament saritlux operazzjoni għal katarretta iżda jista' wkoll ikun li jkun għamilha privatament.

Iżid li mbagħad għandu notament tat-3 ta' Mejju, 2013 meta George Debrincat iddaħħal l-emerġenza u tniżżel notament li kien jieħu mediċina għall-pressjoni u xi ħaga tal-għajnejn.

Jgħid li dwar visti mill-*outpatients*, l-ewwel notament li għandu jirrisjali għall-1997 rigward appuntament għand tabib tal-ġilda. Jgħid li wara dan hemm notament tal-1999 fuq problema gastrika.

Rigward l-għajnejn jgħid li n-notamenti li għandu juru li l-vista ta' George Debrincat kienet daqsxejn dgħajfa.

Jgħid li dwar l-għajn il-leminija m'għandux notamenti. Iżid li dwar dik xellugija għandu notamenti li fl-2002 il-vista tiegħu kienet *six on twenty four* li jfisser li fejn bniedem b'vista tajba jara sa erbgħa u għoxrin (24) metru dan kien jara sa sitt (6) metri. Iżid li f'notament tal-2004 jidher li l-vista tiegħu marret għal agħar. Jgħid li l-istess fl-2005 fejn marret aktar lura.

Iżid li l-inċident tal-baqra kien fl-għajn il-leminija mentri l-valuri kollha li għandu huma dwar dik xellugija.

**In kontroeżami**,[75] xehed illi li kieku l-pazjent kien nieqes mid-dawl għalkollox kien ikun hemm notament tali.

Iżid li bil-valuri li qara n-notamenti dwarhom, jidher li George Debrincat kien bniedem anzjan b'vista ta' bniedem tali. Jgħid li pjanta suppost li seta' jaraha. Iżid li jifhem li kienet il-viżjoni *long distance* li kienet batuta.

[75] Traskrizzjoni a fol. 273 sa 276.

Imur lura għall-inċident tal-baqra u jiċċita l-kliem *left media clear fundus normal* li jispjega li jfisser li dik l-għajn kienet bażikament normali.

Mistoqsi mill-Qorti jekk jistax ikun li wara l-inċident tal-baqra tilef għajnu l-leminija u għalhekk ir-rapporti jittrattaw biss dik xellugija jgħid li iva, dan jista' jkun. Iżid iżda li din hija assunzjoni għaliex notament dwar dan m'hemmx.

**L-Avukat Dr Joshua Grech**, avukat patrocinanti l-konvenuta Frances Bugeja, xehed permezz ta' affidavit.[76]

Jiddikjara li huwa ltaqa' ma George Debrincat, missier il-partijiet kontendenti, diversi drabi dejjem f'daru f'Ta' Kerċem, Għawdex.

Jiddikjara li darba minnhom mar għandu dwar raba' li kellu fuq wara tad-dar tiegħu peress li ried jagħmel xi emmendi fid-dispożizzjonijiet testamentarji li kien għamel dwar l-istess. Jgħid li dakinhar sab lil George bilqiegħda fil-kċina fuq wara tad-dar fejn innota li l-vista tiegħu kienet ħażina peress li waqt li kien ikellmu kien qiegħed iħares fil-vojt.

Jgħid li darb'oħra mar mat-Tabib Joseph Farrugia peress li kien hemm bżonn ta' ċertifikat mediku sabiex jiġi anness mat-testment tal-2013. Jgħid li daħlu ħdejn George fil-kamra tas-salott iżda qabel tkellmu miegħu ma ħarisx lejhom.

**In kontroeżami**,[77] xehed li huwa assista lil George Debrincat sabiex għamel l-aħħar testment tiegħu tal-2013.

Jgħid li huwa laħaq avukat fl-2010 u sena wara, fl-2011 ltaqa' mal-familja Debrincat u beda jassistihom. Iżid li

waħda mill-ewwel drabi li mar għandhom lil George sabu għajnejh mhux sewwa. Jgħid li George beda jkellmu waqt li jħares naħa oħra u kien biss meta kellmu hu u sema' minn fejn ġej leħnu li dar lejh.

Jgħid li meta ltaqgħu għand George dwar l-art wara d-dar ta' residenza tiegħu saret pjanta sabiex ikun hemm ftehim ċar bejn l-aħwa fuq l-art. Jgħid li riedu lilu hemm proprju għax George ma setax jara pjanta u x'hemm fuqha għalhekk hu kellu jkun għajnejn George mal-perit.

**Franco Mercieca**, oftalmologu, xehed[78] li lil George Debrincat, missier il-kontendneti, kien operah żmien ilu. Iżid li George ma kienx qed jara tajjeb b'dan li kien tilef għajn waħda f'inċident filwaqt li kellu katarretta u *glaucoma* f'għajnu l-oħra. Iżid li operah fl-għajn tal-katarretta.

Iżid li l-operazzjoni saret fl-isptar privat *Saint James* u jaħseb li saret xi ħmistax(15)-il sena qabel—allura fl-2005.[79]

Jgħid li għajnejh li operawlu kienet diġà batuta iżda bl-operazzjoni li saritlu għat-tnehhija tal-katarretta l-vista tjibitlu xi ftit. Iżid li l-*glaucoma* xorta baqgħet problema u għaliha kien juża l-qtar u jieħu xi pilloli.

Jgħid li l-pazjent kellu kundizzjoni partikolari tissejjaħ *pseudoexfoliative glaucoma* li hija ġenetika u hija aggressiva. Iżid li l-għajn li hu kien jgħid li tilef kawża ta' inċident fil-*farm* fil-fatt intilfet minħabba din il-kundizzjoni.

---

[76] Affidavit a fol. 278.
[77] Magħmul fl-udjenza tat-13 ta' Ottubru, 2022—traskrizzjoni mhux paġinata.
[78] Traskrizzjoni a fol. 326 sa 331.
[79] Id-dokument maħruġ mill-isptar imsemmi kopja ta' liema tinsab a fol. 298 jindika d-data tat-23 ta' Marzu, 2005.

Jgħid li huma neħħewlu l-katarretta iżda l-kundizzjoni tal-*pseudoexfoliative glaucoma* baqgħet miegħu sal-aħħar.

Jiċċara li min-notamenti tiegħu, mill-għajn li kien weġġa' ftit li xejn kien jara mentri mill-oħra kien jara mhux ħażin speċjalment wara li neħħewlu l-katarretta. Jgħid li George seta' jara ktiba u anke jaqraha. Iżid iżda li wieħed irid jara kif kien eżatt fis-sitwazzjoni proprja.

Iżid li fl-istess żmien, xi xahrejn wara l-operazzjoni, mar ra lil George fil-*farm* tiegħu stess. Iżid li invistah u tah xi taqtir.

Jgħid li d-dati preċiżi jirriżultaw mid-dokumenti tal-isptar *Saint James*.

**In kontroeżami**,[80] xehed li l-operazzjoni tal-katarretta kienet suċċess però kien fadal il-problema tal-*glaucoma*.

Jikkonferma li tant u hekk li fuq iċ-*chart* li użaw George kien irnexxielu jaqra sitt (6) linji. Jispjega li George kellu *tunnel vision* li jfisser li l-vista periferika kienet batuta u allura kien jara dak li jkun direttament quddiemu iżda mhux li jkun fil-gnub. Jinsisti li għalhekk jekk kien jaf jaqra, seta' jaqra.

Jgħid li bl-istess mod, pjanta ta' post seta' jaraha.

Ikkonfermat li l-unika operazzjoni li saret fuq George Debrincat fl-isptar *Saint James* saret fit-23 ta' Marzu, 2005, jgħid li meta reġa' ra lil George wara l-operazzjoni dan kien allura fl-istess sena.

---

[80] Traskrizzjoni a fol. 331 sa 335. Traskrizzjoni addizzjonali b'żieda ta' xi domandi a fol. 341 u 342.

**Albert Micallef**, in rappreżentanza tal-isptar *Saint James*, xehed[81] li George Debrincat, missier il-kontendenti, ġie operat fit-23 ta' Marzu, 2005 minn Franco Mercieca. Iżid li tneħħietlu katarretta.

Jippreżenta dokument li bih il-pazjent George Debrincat ta l-kunsens tiegħu għall-operazzjoni, u dokumenti relattivi għall-mistoqsijiet varji li jkunu saru lill-pazjent qabel l-operazzjoni, b'fuqhom l-firma tal-pazjent.[82]

**Mario Grech**, *optician* u direttur tan-negozju *Mario's Dispensing Opticians*, xehed[83] li m'għandhom ebda informazzjoni rigward George Debrincat.

## Ċ. IKKUNSIDRAT:

**Preliminari:**

B'din il-kawża, l-attriċi, Antonia Grech, qiegħda titlob dikjarazzjoni favur il-partijiet kontendenti jew min minnhom tal-ftuħ tas-suċċessjoni ta' George Debrincat, iben il-mejtin Salvatore Debrincat u Dolores nee' Grech, li miet fit-12 ta' Jannar, 2014. Titlob ukoll ordni sabiex il-konvenuti *qua* ko-eredi tal-imsemmi George Debrincat jimmittuha fil-pussess tal-legati ta' proprjetà immobbli mħollija lilha mill-istess George Debrincat.

Fl-aħħar, titlob ukoll il-ħatra ta' nutar pubbliku sabiex isir l-att ta' immissjoni fil-pussess relattiv bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jidhru għall-eventwali kontumaċi skont il-bżonn.

Il-konvenuta Frances Bugeja laqgħet għal dawn it-talbiet billi eċċepiet li hija qatt ma oġġezzjonat għall-ftuħ tas-

[81] Traskrizzjoni a fol. 336 sa 339.
[82] Dokumenti ilkoll f'envelop tal-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati a fol. 340.

suċċessjoni ta' George Debrincat b'dan li din it-talba attriċi saret inutilment. Eċċepiet ukoll li hija anqas ma oġġezzjonat jew xekklet li jsir l-att ta' immissjoni fil-pussess tal-legati mħollija lill-kontendenti mill-ġenituri tagħhom. Żiedet iżda li l-attriċi tippretendi l-immissjoni fil-pussess ta' proprjetà li tmur oltre dik legata lilha u li in parte ġie mħolli lill-istess konvenuta Frances Bugeja u dan abbażi ta' pjanta li t-testatur George Debrincat ma seta' qatt ra minħabba problemi li kellu bil-viżjoni ottika.

Il-konvenuta Doris Curmi, tramite l-kuratur maħtur favur l-interessi tagħha, eċċepiet li hija m'għandha ebda oġġezzjoni li l-attriċi tiġi immessa fil-pussess tal-legati mħollija lilha minn George Debrincat b'dan li peress li hija qatt ma oġġezzjonat għal dan m'għandha tbati ebda spejjeż in konnessjoni ma' din il-kawża.

Il-konvenuti l-oħrajn—stranament għajr Saviour Debrincat li anke meta deher u xehed quddiem il-Qorti qatt ma oġġezzjoni għal dak eċċepiet mill-konvenuti l-oħrajn b'dan li jidher għalhekk probabbli li ismu ma ġiex inkluż fir-risposta ġuramentata biss bi żvista—eċċepew li huma la qatt opponew u anqas jopponu għall-immissjoni fil-pussess mitluba mill-attriċi purché tiġi rispettata r-rieda tal-ġenituri tagħhom kif espressa fit-testmenti mħollija minnhom b'kull parti timmitti lill-oħra fil-pussess tal-legat/i reċiproċi.

Żiedu wkoll jgħidu li fil-verità l-unika raġuni għaliex ma sarux l-immissjonijiet neċessarji tirrigwarda diżgwid li qam bejn il-kontendenti attriċi Antonia Grech u konvenuta

[83] Traskrizzjoni a fol. 357 sa 359.

Frances Bugeja b'dan li huma għandhom allura jiġu esklużi mill-ispejjeż konnessi ma' din il-kawża.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Qabel xejn, din il-Qorti tqis li huwa neċessarju li jingħata ftit ta' retro xena dwar il-fatti li wasslu għal din l-istanza.

Il-kontendenti attriċi u konvenuti huma lkoll aħwa ġermani Debrincat ulied Assunta Debrincat nee' Sultana u Giorgio sive George Debrincat, detentur tal-karta tal-identità numru 0068826G, iben il-mejtin Salvatore Debrincat u Dolores nee' Grech.

Mill-provi prodotti tul il-proċeduri tal-kawża rriżulta li omm il-kontendenti, Assunta Debrincat nee' Sultana mietet fl-2010 mentri missierhom George Debrincat miet fit-12 ta' Jannar, 2014.[84]

Jirriżulta li saħansitra qabel il-mewt ta' kiunkwe' mill-ġenituri tagħhom il-kontendenti, jew uħud minnhom, kienu diġà ngħataw il-pussess ta' xi proprjetajiet li kienu ser jiġu legati lilhom bit-testmenti l-ewwel *unica charta* tal-ġenituri tagħhom konġuntivament u eventwalment b'dawk ta' missierhom wara l-mewt ta' ommhom.

Jirriżulta ċertament li l-kontendenti lkoll kienu jafu x'ser imiss lil min u, fil-każ tal-konvenuta Frances Bugeja, kellha il-pussess materjali tal-fond legat lilha fi Triq Madre Margherita Debrincat, Ta' Kerċem, Għawdex, sa mill-1986 sabiex lestietu qabel iżżewġet fl-1988. Dan jixhduh diversi mill-kontendenti inkluż l-konvenuta Bugeja nfisha.

[84] Ċertifikat tal-mewt numru 32/2014 a fol. 6.

Jirriżulta ulterjorment, iżda, li l-ġenituri tal-kontendenti George u Assunta konjuġi Debrincat ħallew testment *unica charta* li fih ġew reflessi l-assenjazzjonijiet tal-proprjetajiet varji tagħhom kif kienu diġà noti għall-kontendenti tul ħajjithom. Dan b'sensiela ta' erba' (4) testmenti.

L-ewwel testment imħolli mill-ġenituri tal-kontendenti, huwa dak *unica charta* tat-12 ta' Ottubru, 1993 in atti Nutar Michael Refalo. B'dan it-testment, it-testaturi ġenituri tal-kontendenti George u Assunta konjuġi Debrincat ħallew diversi legati lil uliedhom, ilkoll partijiet kontendenti f'din l-istanza.

Rigward dak li huwa relattiv għall-kawża *de quo*; bl-Artikolu 11 tal-istess testment tat-12 ta' Ottubru, 1993, it-testaturi ħallew diversi legati favur binthom l-attriċi Antonia Grech, inkluż ta':

1. fond fi Triq Madre Margherita Debrincat, Ta' Kerċem, konfinanti min-Nofsinhar ma' beni ta' George Grech, Lvant ma' beni ta' Giuseppa Caruana, u Tramuntana mal-fond legat lil binthom Frances Bugeja, u;
2. garaxx bla numru konfinanti Punent mat-triq, Lvant ma' garaxx legat lil Frances Bugeja.[85]

Bl-istess Artikolu 11, ħallew ukoll diversi legati favur binthom il-konvenuta Frances Bugeja, inkluż ta':

1. fond ieħor fi Triq Madre Margherita Debrincat, Ta' Kerċem, konfinanti mit-Tramuntana mat-triq, mil-Lvant ma' beni ta' Giuseppa Caruana, u mill-Punent ma' triq oħra, u;

[85] Artikolu 11 tat-tetsment tat-12 ta' Ottubru, 1993—paġna relattiva a fol. 19.

2. garaxx bla numru konfinanti mil-Lvant ma' beni ta' Giuseppa Caruana, mit-Tramuntana mat-triq, u mill-Punent mal-garaxx legat lil Antonia Grech.[86]

Aktar tard, u b'testment *unica charta* ulterjuri magħmul mill-ġenituri tal-kontendenti George u Assunta konjuġi Debrincat nhar il-15 ta' Lulju, 1994, ukoll in atti Nutar Michael Refalo, it-testaturi kkonfermaw fl-intier tiegħu t-testment preċedenti tagħhom tat-12 ta' Ottubru, 1993 iżda għamlu xi emmendi/kjarifiki f'xi artikoli tiegħu. L-ebda emmendi jew kjarifiki ma saru rigward l-Artikolu 11 tat-testment tat-12 ta' Ottubru, 1993 li jikkonċerna lil din il-kawża.

Wara dan, jidher li wara l-mewt ta' omm il-kontendenti, missier il-kontendenti George Debrincat seta' kellu daqxejn ta' fissa li jagħmel kjarifikazzjonijiet varji għat-testment *unica charta* oriġinali magħmul minnu flimkien ma' martu. Infatti, hawnhekk il-Qorti tosserva li l-imsemmi testatur għamel żewġ (2) testmenti addizzjonali:

- Dak tat-13 ta' Jannar, 2011 in atti Nutar Michael Refalo li bih ikkonferma t-testmenti preċedenti tiegħu b'dan li wara li żied dispożizzjoni li kull legatarju fl-istess testmenti preċedenti għandu jħalli a libera dispożizzjoni kull proprjetà mħollija lil-legatarji l-oħrajn; b'referenza għall-Artikolu 11 tat-testment preċedenti tat-12 ta' Ottubru, 1993—l-artikolu relattiv għal din il-kawża—annetta pjanta li turi delinjata bil-blu l-proprjetà hemm legata lil bintu Frances Bugeja u delinjata bl-aħmar dik legata lill-attriċi Antonia Grech, u;

[86] Artikolu 11 tat-tetsment tat-12 ta' Ottubru, 1993—paġna relattiva a fol. 19.

- Dak tal-11 ta' April, 2013 in atti Nutar Enzo Refalo li bih, wara li kkonferma t-testmenti preċedenti tiegħu tal-1993 u l-1994—iżda minghajr ma kkanċella ebda mit-testmenti preċedenti tiegħu u allura anqas dak tal-2011—żied prelegat ta' flus sabiex ikun jista' jsir il-ħlas tad-denunzja *causa mortis* wara mewtu u għamel xi emmendi li, però, ma jaffetwawx l-Artikolu 11 li huwa dak rilevanti għal din il-kawża. Fuq dan it-testment ta' l-2013 deher bħala wieħed mix-xhieda l-avukat hawn f'dawn il-proċeduri patroċinanti l-konvenuta Frances Bugeja.

Il-kwistjoni kollha bejn il-kontendenti, u speċifikatament bejn l-attriċi Antonia Grech u l-konvenuta Frances Bugeja tirrigwarda il-kjarezza tat-testment ta' missier il-kontendenti tat-13 ta' Jannar, 2011 in atti Nutar Michael Refalo. Dan stante li ma' dan it-testment ġiet annessa pjanta li turi l-proprjetajiet ossia żewgt (2) idjar fi Triq Madre Margherita Debrincat, Ta' Kerċem, Għawdex li l-attriċi tinsisti li tindika l-estent tal-proprjetà legata lilha u dik legata lill-konvenuta Frances Bugeja. Min-naha tagħha l-konvenuta Frances Bugeja tgħid li din il-pjanta qatt ma setgħet kienet u dan kif ser jiġi spjegat hawn aktar 'l isfel.

Magħdud dan, il-kwistjoni kollha titratta talba għall-immissjoni fil-pussess tal-proprjetà mħollija lill-attriċi mill-ġenituri tagħha b'dan li l-attriċi tallega ċertu estent għal waħda minn tali proprjetajiet—id-dar bil-garaxx magħha fi Triq Madra Margherita Debrincat, Ta' Kerċem—mentri l-konvenuta Frances Bugeja tgħid li l-estent ta' din il-proprjetà legata lill-attriċi huwa mod ieħor.

Skont l-Artikolu 726 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16:

> ***726.****(1) Il-legatarju għandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-ħaġa imħollija legat.*
>
> *(2) Fil-każ ta' beni immobbli l-legatarju jista' jitlob li l-għoti ta' dak il-pussess isir permezz ta' att pubbliku.*
>
> *(3) Kemm-il darba t-testatur ma jkunx iddispona xort'oħra, l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-att għandhom jitħallsu mil-legatarju.*

Prof. Victor Caruana Galizia, fil-kompendju tiegħu dwar il-liġi tas-suċċessjoni, rigward proprjetà legata jgħid li:

> *Even though such thing is determinate and found to exist in the estate at the time of the death of the testator, possession vests by law in the heirs (Section 838),*[87] *and it is for this reason that the legatee must demand it of the heirs. The transfer of possession is effected by means of delivery of the thing.*[88]

Fil-ġurisprudenza lokali,[89] il-fehma l-iktar prevalenti hi li mal-mewt tad-decujus il-proprjetà tal-legat tgħaddi favur il-legatarju, mentri l-pussess hu trasferit lill-eredi.

Madankollu, fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Marzu, 1995 fl-ismijiet ***Joseph Borg vs Emanuele Vella et*,**[90] l-insenjament ġie kontestat bil-Qorti qalet li l-Artikolu 721 tal-Kodiċi Ċivili jagħti lil-legatarju, minn dakinhar li jmut it-testatur, «*Jedd…li jirċievi l-ħaġa mħollija lilu bil-legat*» u għalhekk sa dak l-istadju l-ħaġa «*…ma tkunx għadha għaddiet defenittivimanet biex tifforma parti mill-patrimonju tiegħu.*»[91]

---

[87] Artikolu 838 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16: «*Jekk xi persuna li jidhrilha illi għandha jedd fuq il-ħwejjeġ tal-wirt tieħu pussess tagħhom, il-werrieta li lilhom jiġi bis-saħħa tal-liġi ttrasferit il-pussess jingħaddu li ġew fil-fatt imneħħijin mill-pussess, u jistgħu jeżerċitaw kull azzjoni li tmiss lill-pussessuri leġittimi.*»

In sostenn ta' dan, fid-deċiżjoni surreferita l-Qorti tal-Appell għamlet referenza għall-insenjament tal-ġurista Francesco Ricci li ma kienx tal-fehma li l-legatarju jsir proprjetarju hekk kif imut it-testatur. B'dan qal:

*E' principio infatti fondamentale che una cosa non puo' entrare a far parte del patrimonio di un individuo, se esso non vi consenta. Puo chichessia rinunciare al diritto che a lui compete di proprieta' su una cosa determinata, e puo' volere che questo diritto vada a far parte del patrimonio altrui; ma cio' solo non basta perche' la cosa abbia senz'altro a ritenersi come definittivamente entrata nel patrimonio di colui al quale si vuole trasferire.*

Min-naħa l-oħra l-awturi Laurent Leveneur u Sabine Mazeaud-Leveneuer[92] jikkummentaw dwar il-provvediment tal-Kodiċi Ċivili Franċiż kif isegwi:

*Avant le deces du testateur le legataire n'a aucun droit, meme eventuel. le legs sera donc caduc si le legataire decede avant le disposant. Le droit du legataire ne se fixe qu'au deces du testateur – au moins le droit du legataire pur et simple: c'est a*

[88] Prof. V. Caruana Galizia, *Notes on Law of Suċċession*, p. 1047.
[89] Rassenja utli tinsab fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-27 ta' Marzu, 2007 fl-ismijiet ***Carmela Zerafa et vs Nazzareno Farrugia et***. Ara wkoll Dr Pasquale Mifsud nomine vs Negoziante Giuseppa Scicluna deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Jannar 1887 (Vol. XI.123). Hekk ukoll fil-kawża rapportata fil-Volum X.473 ingħad. «*Nel legato puro, sia anche modale e con clausola penale, ma non condizionale dies legati cedit et venit contemporaneamente ed il legatario non solo acquista il diritto al legato, ma lo può anche esercitare esigendone la prestazione alla morte del testatore, coll'azione personale ex testamento, ovvero coll'azione legati, contro l'erede, od altro onerato, e l'erede colla adizione dell'eredità si obbliga verso il legatario come se fosse fra loro intervenuto un contratto; potrebbe ancora essere dal legatario esercitata l'azione di rivendica della proprietà*».
[90] Vol. LXXXIX.ii.337.
[91] **721**.*(1) Kull legat pur u sempliċi jagħti lil-legatarju, minn dakin-nhar tal-mewt tat-testatur, jedd, li jista' jgħaddi għall-werrieta tal-istess legatarju, jew għal dawk li l-jeddijiet tagħhom ġejjin minnu, li jirċievi l-ħaġa mħollija lilu bil-legat. (2) Il-legat magħmul taħt kondizzjoni ma jagħtix lil-legatarju dak il-jedd qabel ma tiġri l-kondizzjoni.*
[92] Lecons de Droit Civil, Hames Edizzjoni, Montchrestien (1999) p.330.

> *ce jour que le legataire devient proprietarie des biens legues ou creancier de droits quil lui sont transmis, que que soit le moment de son acceptation o de sa prise de possession; a partir de jour du deces son droit est transmissible a ses heritiers (ar. 1014 c. civ10).*

Skont din il-fehma, mill-mument tal-mewt tat-testatur il-legatarju jsir proprjetarju tal-beni li jkunu tħallew lilu b'legat jew kreditur tad-drittijiet trasmessi lilu.

L-immissjoni fil-pussess għandha għalhekk tintalab mill-eredi tad-decuius.

Huwa wkoll magħruf li *jekk l-imsejħin għall-eredità ma jkunux aċċettaw l-eredità, it-talba għall-immissjoni fil-pussess tal-legat issir kontra l-eredità rapprezentata minn kuraturi.*[93]

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża odjerna, il-proprjetà in kwistjoni li tagħha qiegħda titlob l-immissjoni fil-pussess l-attriċi tinkludi d-dar b'garaxx magħha fi Triq Madre Margherita Debrincat, Ta' Kerċem, Għawdex. Din ġiet legata lill-attriċi fit-testment li d-decuius George Debrincat għamel flimkien ma' martu premorjenti fit-12 ta' Ottubru, 1993. Dar oħra ukoll b'garaxx magħha biswit dik legata lill-attriċi ġiet legata lill-konvenuta Frances Bugeja. Dawn id-djar kienu xi darba konnessi ma xulxin b'bieb fil-livell tal-garaxxijiet.

L-istess djar kienu jeżistu fil-wirt tad-decujus dakinhar tal-mewt tiegħu u mill-provi jirriżulta li ilhom fil-pussess tal-attriċi u l-konvenuta Frances Bugeja li anke ddikjarawhom

[93] John Mauro Micallef et vs Maria Zammit deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Mejju 1953—Vol. XXXVII.ii.701

fid-denunzji *causa mortis* magħmula minnhom nhar l-10 ta' Lulju, 2014[94] u nhar il-15 ta' Mejju, 2014.[95]

Huwa risaput li l-immissjoni fil-pussess, li, trattandosi ta' ħwejjeġ immobbli, trid issir b'mod formali u allura b'att pubbliku, tista' tintalab anke fejn il-legatarju diġà jkollu l-pussess fiżiku ta' wieħed mill-fondi.[96] Dak li huwa neċessarju huwa li l-legatarju jkollu dritt għall-immobbli li jippretendi bħala legati lilu.

Hawn aktar 'il fuq, fejn saret l-osservazzjoni li l-kwistjoni kollha bejn il-kontendenti, u speċifikatament bejn l-attriċi Antonia Grech u l-konvenuta Frances Bugeja tirrigwarda l-effikaċja tat-testment ta' missier il-kontendenti tat-13 ta' Jannar, 2011 in atti Nutar Michael Refalo, din il-Qorti nislet l-kliem «fin-nuqqas ta' kelma aħjar» bi skop.

Dan għaliex f'din l-istanza li għandha quddiemha llum din il-Qorti ma saret ebda talba jew kontrotalba għal dikjarazzjoni ta' nullità tat-tali testment li, addirittura, kellha semmai ssir b'talba speċifika u mhux per *via di eccezzione*. Din l-istanza infatti m'hijiex waħda ta' kontestazzjoni ta' testment iżda waħda għall-immissjoni fil-pussess ta' legat.

Oltre dan, jiġi osservat li fir-risposti ġuramentati tal-konvenuti għajr il-konvenuta Frances Bugeja, ma saret ebda allegazzjoni dwar il-validità tat-testment tat-13 ta' Jannar, 2011 in atti Nutar Michael Refalo. Tali allegazzjoni saret biss b'mod indirett fir-risposta tal-konvenuta Frances Bugeja fejn din eccepiet li *l-attriċi qed tippretendi li tiġi mmessa fil-pussess ta' legat li in parti ġie mholli lill-esponenti u*

[94] A fol. 378 et seq.
[95] A fol. 389 et seq
[96] Ref. *inter alia*, id-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-20 ta' Mejju, 2004 fl-ismijiet ***Agnes Borg vs Charles Zammit et***.

*dan allegatament a bazi ta' pjanta li l-istess testatur qatt ma' seta' [sic] jara minħabba problemi f'saħħtu.*[97]

L-allegazzjoni mressaq quddiem din il-Qorti hija allura li l-pjanta annessa mat-testment tad-decuius George Debrincat tat-13 ta' Jannar, 2011 hija inveritiera.

Huwa għalhekk ċar għal din il-Qorti li l-kwistjoni kollha hija li filwaqt li l-attriċi tgħid li l-estent tal-post mħolli lilha bil-legat fit-testment tal-ġenituri tagħha tat-12 ta' Ottubru, 1993 ġie ċċarat bil-pjanta annessa mat-testment ta' missierha tat-13 ta' Jannar, 2011; il-konvenuta Frances Bugeja tippretendi mod ieħor billi tgħid li l-pjanta annessa ma' tali testment tal-2011 m'għandhiex tiġi kkunsidrata.

Infatti, il-konvenuta Frances Bugeja f'diversi stadji tal-provi tagħha tiċċita l-aħħar paragrafu tal-Artikolu 11 tat-testment tal-ġenituri tagħha tat-12 ta' Ottubru, 1993 li bih saru l-legati favur tagħha u ta' oħtha l-attriċi li jaqra kif isegwi:

> *Għal kull buon fini t-tetstaturi jiddikjaraw u għalhekk iridu u jordnaw illi l-fondi fi Triq Madre Margherita Debrincat, Kerċem imħolli(ja) b'dan l-Artikolu għandhom jiġu perċepiti mir-rispettivi legatarji skond [sic] kif huma llum diviżi u separati minn xulxin.*[98]

Tibni mbagħad fuq dan billi tgħid u addirittura anke tipprova a sodisfazzjon ta' din il-Qorti li l-fondi kien ilhom separati minn xulxin kif jirriżultaw preżentement sa minn tal-inqas l-1989, sena wara li żżewġet, hija, fejn il-bieb fil-livell tal-garaxxijiet li kien jikkonnetti ż-żewġ (2) proprjetajiet issa distinti minn xulxin jirriżulta mbarrat bil-ġebel u mkaħħal f'vidjow u diversi ritratti—ilkoll in atti—ta' festin li l-konvenuta żammet għal binha fl-istess garaxx.

Ulterjorment, u sabiex tirribatti l-veraċità tal-pjanta annessa mat-testment ta' missierha tat-13 ta' Jannar, 2011 li turi li l-estent tal-fondi legati lill-attriċi u lilha, il-konvenuta Frances Bugeja tinsisti li dakinhar li sar it-testment tat-13 ta' Jannar, 2011 missierha ma kienx jara sew—anzi kien kważi għalkollox nieqes mid-dawl t'għajnejh—b'dan li tallega li xi ħadd ħa vantaġġ minn dan sabiex 'żellaq' pjanta li tibbenefika lill-attriċi.

Din il-Qorti iżda tosserva li apparti li mhijiex hawnhekk imsejħa sabiex tiddeċieda dwar l-annullabilità tat-testment tat-13 ta' Jannar, 2011, ma tistax tkun konvinta minn din l-allegazzjoni tal-konvenuta Frances Bugeja, minkejja li din saret ukoll minn xi konvenuti oħra jekk mhux fir-risposta ġuramentata tagħhom almenu waqt ix-xhieda tagħhom. U dan għal diversi raġunijiet, fosthom:

i. Il-konvenuta Frances Bugeja stess taċċetta l-eżistenza tat-testment tat-13 ta' Jannar, 2011 fid-denunzja *causa mortis* li għamlet wara l-mewt ta' missierha nhar l-10 ta' Lulju, 2014;[99]

ii. In-Nutar Michael Refalo kif ukoll John Schembri, wieħed miż-żewġ xhieda li dehru fuq tali testment, ikkonfermaw bix-xhieda tagħhom quddiem din il-Qorti kemm il-volontà kif ukoll l-firma tat-testatur George Debrincat inkluż fuq il-pjanta relattiva, bin-nutar jippreżenta kopja oħra tat-testment tat-13 ta'

[97] Ċitazzjoni mit-tielet eċċezzjoni kontenuta fir-risposta ġuramentata tal-kovnenuta Frances Bugeja a fol. 54.
[98] Il-klawsola speċifika tinsab a fol. 19.
[99] Kopja tad-denunzja kif sottomessa lir-Reġistratur tal-Artijiet mill-konveunta Frances Bugeja nfisha a fol. 378 et seq tal-proċess.

Jannar, 2011 flimkien mal-pjanta annessa miegħu u jikkonferma l-istess bħala veri kopji mill-atti tiegħu;[100]

iii. Aktar minn sentejn wara li sar it-testment tat-13 ta' Jannar, 2011, ossia fil-11 ta' April, 2013, fejn allura jekk it-testatur George Debrincat kellu xi impediment bil-vista dan certament ma setax mar għall-aħjar, l-istess testatur George Debrincat għamel testment ieħor, din id-darba fl-atti tan-Nutar Enzo Refalo, ma liema wkoll annetta pjanta u fuq liema deher bħala wieħed mix-xhieda l-avukat patrocinanti l-konvenuta Frances Bugeja, liema avukat jixhed ukoll li kien involut sabiex saret il-pjanta annessa ma' dan it-testment rigward xi raba' li kellu t-testatur qrib id-dar ta' residenza tiegħu;

iv. Anke meta l-konvenuta Frances Bugeja ttentat tirreġistra l-proprjetà tagħha fi Triq Madre Margherita Debrincat, Ta' Kerċem, mar-Registratur tal-Artijiet f'Settembru tal-2016 u ġiet notifikata f'Ottubru tal-istess sena li kien hemm parti mill-proprjetà pretiża minnha diġà rreġistrata favur oħtha Antonia Grech; il-konvenuta Frances Bugeja damet sa Awwissu tal-2021 ma daħħlet kawzjoni għal dan.[101]

Huwa minnu li l-avukat patroċinanti l-konvenuta Frances Bugeja xehed li l-preżenza tiegħu fuq it-testment tal-2013 kienet rikjesta minn George Debrincat inniffsu proprju għaliex dan tant ma kienx jara li kien inkwieta li ssir xi pjanta li ma jagħrafx sewwa u allura l-avukat kellu jservi ta' għajnejn George Debrincat mal-perit ingaġġajt għat-tħejjija tal-pjanta. B'dan iżda, u speċjalment f'istanza bħal din tal-lum li jiġi ribadit m'hijiex waħda ta' impunjazzjoni

[100] Tetsment a fol. 108 sa 109 u pjanta a fol. 110.

[101] Ref. applikazzjoni għal-reġistrazzjoni a fol. 377, ittra tar-Reġistratur a fol. 375, kawzjoni a fol. 418 et seq.

ta' testment; ma jistax jiġi preżunt li prekawzjonijiet simili ma ttiħdux ukoll fit-tħejjija tat-testment tat-13 ta Jannar, 2011. Speċjalment tenut kont li l-istess testment tat-13 ta' Jannar, 2011 ġie redatt minn nutar li kien konoxxenti tajjeb tat-testatur stante li t-testatur kien ilu klijent tiegħu—kif jikkonferma n-nutar inniffsu kif ukoll il-kontendenti bix-xhieda tagħhom—u f'ismu kien diġà dderieġa ż-żewġ testmenti preċedenti tiegħu ma' martu, ossia; dawk tal-1993 u l-1994.

Dan, mingħajr xejn ma jingħad dwar il-fatt li l-oftalmologu Franco Mercieca li wkoll xehed f'dawn il-proċeduri kkonferma li George Debrincat kellu vista suffiċjenti sabiex jara pjanta poġġuta quddiemu.

Huwa għalhekk ċar għal din il-Qorti li għalkemm fit-testment tat-12 ta' Ottubru, 1993 it-testaturi inkludew proviżjoni li l-proprjetajiet fi Triq Madre Margherita Debrincat, Ta' Kerċem, kellhom jiġu perċepiti kif dakinhar maqsuma, u jirriżulta li dakinhar kienu diġà maqsuma kif inhuma llum, dan waħdu ma jwassalx għan-nullità tat-testment antiċedenti tat-testatur George Debrincat li sar fit-13 ta' Jannar, 2011, fejn it-testatur iċċara permezz ta' pjanta, kif kien fil-poter tiegħu li jagħmel, l-estent tal-proprjetajiet.

Dan qiegħed jintqal nonostante li din anqas hija kawża għal dikjarazzjoni ta' tali nullità iżda stante li huwa ċar u evidenti illi f'kawża opportuna ta' impunjazzjoni ta' testment ċirkostanzi li jwasslu għan-nullità ma jinkludux l-eżistenza ta' testment preċedenti.

B'dan illi l-attriċi qiegħda titlob l-immissjoni fil-pussess tal-proprjetà kif legata lilha bit-testment tat-12 ta' Ottubru, 1993 bl-estent tagħha kif kjarifikat fit-testment tat-13 ta' Jannar, 2011. Kif, *del resto*, saru kjarifiċi oħrajn mit-testaturi

konjuġi George u Assunta Debrincat flimkien u anke mit-testatur George Debrincat waħdu.

Dwar it-talba attriċi għal dikjarazzjoni tal-ftuħ tas-suċċessjoni ta' missier il-kontendenti George Debrincat u l-eċċezzjoni tal-konvenuta Frances Bugeja li din it-talba saret inutilment għax qatt ma kien hemm oġġezzjoni għal dan; mill-atti jirriżulta kjarament li l-wirt tad-decujus George Debrincat ġie aċċettat mill-partijiet kontendenti u dan inkluż billi saru d-denunzji *causa mortia* mill-konvenuta Frances Bugeja nhar l-10 ta' Lulju, 2014[102] u mill-kontendenti attriċi Antonia Grech u konvenuti George, Emanuel, u Carmel Debrincat flimkien ma' oħthom Lucy Saliba nee' Debrincat nhar il-15 ta' Mejju, 2014.[103] B'dan li allura tali talba tista' ċertament tiġi akkolta a spejjeż uniċi tal-attriċi Antonia Grech.

## DECIDE:

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti konformement ma' dak hawn deċiż:

i. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara għalhekk is-suċċessjoni ta' Giorgio sive George Debrincat, detentur tal-karta tal-identità numru 0068826G, armel ta' Assunta Debrincat nee' Sultana, iben il-mejtin Salvatore Debrincat u Dolores nee' Grech, imwieled Ta' Kerċem, Għawdex u miet Ta' Kerċem, Għawdex fit-12 ta' Jannar, 2014 miftuħa favur il-partijiet kontendenti skont it-testmenti relattivi;

[102] Kopja a fol. 378 et seq.
[103] Kopja a fol. 389 et seq.

ii. Tilqa' t-tieni talba attriċi b'dan li tordna lill-konvenuti fil-kwalità tagħhom ta' eredi tal-imsemmi Giorgio sive George Debrincat sabiex jimmettu lill-attriċi fil-pussess tal-legati mħollija lilha bl-Artikolu 11 tat-testment *unica charta* li l-istess Giorgio sive George Debrincat għamel flimkien ma' martu Assunta nee' Sultana nhar it-12 ta' Ottubru, 1993 in atti Nutar Michael Refalo; bl-estent tal-proprjetà ossia dar fi Triq Madre Margherita Debrincat, Ta' Kerċem, Għawdex, ikun dak li jirriżulta mill-pjanta annessa mat-testment ulterjuri tad-decujus Giorgio sive George Debrincat li sar nhar it-13 ta' Jannar, 2011 in atti Nutar Michael Refalo li tirriżulta in atti kif esibita mill-istess nutar a fol 110 tal-proċess;

iii. Taħtar lin-Nutar Enzo Refalo sabiex jippubblika l-att ta' immissjoni fil-pussess relattiv nhar it-18 ta Lulju, 2023 fl-edifiċju tal-Qorti fl-10:00am u tinnomina lill-Avukat Dr Jonathan Mintoff sabiex jidher għall-kwalunkwe eventwali kontumaċji fuq l-istess.

Bl-ispejjeż relattivi għall-ewwel talba a karigu tal-attriċi u l-ispejjeż addizzjonali jinqasmu nofs bin-nofs bejn l-attriċi u l-konvenuta Frances Bugeja li kif jirriżulta mill-provi kienu r-raġuni għalfejn il-kontendenti waslu sal-istadju ta' din il-vertenza.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**